



**Opinjoni Konġunta 2/2022
tal-EDPB-EDPS dwar il-
Proposta tal-Parlament
Ewropew u
tal-Kunsill dwar regoli
armonizzati dwar l-aċċess
ġust għad-*data* u l-użu
tagħha (l-Att dwar id-*Data*)**

Adottata fl-4 ta' Mejju 2022

Sommarju eżekuttiv

B'din l-Opinjoni Konġunta, l-EDPB u l-EDPS għandhom l-għan li jiġbdu l-attenzjoni għal għadd ta' tħassib ġenerali dwar il-Proposta dwar l-Att dwar id-*Data* u jħeġġu lill-koleġiżlatur jieħu azzjoni deċiżiva.

L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta tapplika għal firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi, inkluż il-prodotti konnessi ("Internet tal-Oġġetti"), apparat mediku jew tas-saħħa u assistenti virtwali. Ċerti prodotti u servizzi jistgħu saħansitra jipproċessaw kategoriji speċjali ta' *data* personali, bħal *data* dwar is-saħħa jew *data* bijometrika. Peress li l-Proposta ma teskludix b'mod espliċitu ċerti tipi ta' *data* mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, *data* li tiżvela informazzjoni sensittiva ħafna dwar individwi tista' ssir l-oġġett tal-kondiviżjoni u l-użu tad-*data* skont ir-regoli stabbiliti fil-Proposta.

Filwaqt li jilqgħu l-isforzi li saru biex jiġi żgurat li l-Proposta ma taffettwax il-qafas attwali tal-protezzjoni tad-*data*, l-EDPB u l-EDPS iqisu li huma meħtieġa salvagwardji addizzjonali biex jiġi evitat li titbaxxa l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* personali fil-prattika. L-ewwel nett, salvagwardji addizzjonali huma speċjalment meħtieġa peress li d-drittijiet għall-aċċess, l-użu u l-kondiviżjoni tad-*data* skont il-Proposta x'aktarx li jestendu għal entitajiet oħra għajr is-suġġetti tad-*data*, inkluż in-negozji, skont it-titolu legali li taħtu qed jintuża l-apparat. It-tieni, l-EDPB u l-EDPS huma mħassba ħafna bid-dispożizzjonijiet tal-Proposta rigward l-obbligu li d-*data* ssir disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni f'każ ta' "ħtieġa eċċezzjonali". Fl-aħħar nett, l-EDPB u l-EDPS huma mħassba li l-mekkaniżmu ta' sorveljanza stabbilit mill-Proposta jista' jwassal għal superviżjoni frammentata u inkoerenti.

1. Id-drittijiet għall-aċċess, l-użu u l-kondiviżjoni tad-*data*

Biex jiġu limitati r-riskji ta' interpretazzjoni jew implimentazzjoni tal-Proposta li jistgħu jaffettwaw jew jimminaw l-applikazzjoni tal-liġi eżistenti dwar il-protezzjoni tad-*data*, l-EDPB u l-EDPS jappellaw lill-koleġiżlatur biex jispeċifika b'mod espliċitu li l-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* "tipprevali" f'każ ta' kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-Proposta sa fejn huwa kkonċernat l-ipproċessar tad-*data* personali.

Sabiex tiġi promossa l-minimizzazzjoni tad-*data*, il-prodotti għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li s-suġġetti tad-*data* jiġu offruti l-possibbiltà li jużaw apparati b'mod anonimu jew bl-inqas mod intrużiv għall-privatezza possibbli, irrISPettivament mit-titolu legali tagħhom fuq l-apparat. Id-detenturi tad-*data* għandhom jillimitaw ukoll kemm jista' jkun l-ammont ta' *data* li tħalli l-apparat (eż. billi tiġi anonimizzata d-*data*).

Barra minn hekk, it-tisħiħ tad-dritt għall-portabbiltà tad-*data* msemmi fil-Premessa 31 bħala wieħed mill-għanijiet tal-Proposta jkun jeħtieġ, sa fejn tkun involuta d-*data* personali, l-għoti ta' setgħa effettiva lis-suġġetti tad-*data* sabiex jingħataw aktar kontroll fuq id-*data* personali tagħhom. Peress li d-definizzjoni ta' "utent" tinkludi persuni ġuridiċi, f'każ ta' eżerċizzju ta' dan id-dritt minn negozju, dan jieħu l-forma ta' obbligu kummerċjali għall-manifattur/id-detentur tad-*data* li jipprovdi aċċess għad-*data* lin-negozji u jippermetti l-isfruttament tagħha, minflok id-"dritt" tal-individwi li jaċċessaw u jittrasferixxu d-*data* personali tagħhom. Fil-fatt, skont il-kunċett ta' "utent" adottat mill-Proposta, l-individwi jsiru intitolati għal dritt ta' portabbiltà mtejjeb biss b'mod inċidentali, skont it-titolu legali li taħtu jużaw il-prodott jew is-servizz relatat (sjieda, kiri jew lokazzjoni) aktar milli fuq ir-relazzjoni tagħhom mal-informazzjoni li tikkonċerna l-użu privat tagħhom tal-prodott jew tas-servizz.

Għalhekk, biex tinkiseb għoti ta' setgħa effettiva lill-individwi fir-rigward tad-*data* personali tagħhom, il-kunċett ta' *utent* fl-Artikolu 2(5) tal-Proposta u fit-test kollu jeħtieġ li jiġi integrat u speċifikat kif ġej: (a) tiżdied fid-definizzjoni

ta' utenti "u s-suġġetti tad-*data*" (b) li tiddistingwi b'mod ċar is-sitwazzjonijiet fejn l-utent ikun is-suġġett tad-*data* mis-sitwazzjoni fejn l-utent ma jkunx is-suġġett tad-*data*.

Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi speċifikat li fejn l-utent ma jkunx is-suġġett tad-*data*, kwalunkwe *data* personali ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat għandha issir disponibbli biss għall-utent f'konformità b'mod partikolari mal-Artikoli 6 u 9 tal-GDPR u bil-kundizzjoni li, fejn rilevanti, jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw biex issir disponibbli *data* lil partijiet terzi fuq talba ta' utent kummerċjali.

L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-aċċess, l-użu u l-kondiviżjoni ta' *data* personali minn utenti għajr suġġetti tad-*data*, kif ukoll minn partijiet terzi u detenturi tad-*data*, għandhom iseħħu f'konformità shiħha mad-dispożizzjonijiet kollha tal-GDPR, l-EUDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, inkluż li s-suġġetti tad-*data* jiġu infurmati dwar l-aċċess mill-kontrolluri tad-*data* personali tagħhom u jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* mill-kontrolluri. L-EDPB u l-EDPS ifakkru wkoll li huwa importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe pproċessar ulterjuri ta' *data* personali jikkonforma b'mod partikolari mal-Artikolu 6(4) tal-GDPR u, b'kunsiderazzjoni speċifika għall-possibbiltà ta' teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet, inkluż it-tfassil ta' profili, mal-obbligi rilevanti previsti skont l-Artikolu 22 tal-GDPR.

L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw ukoll li fil-proposta jiġu inklużi limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet ċari fuq l-użu ta' *data* personali ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz minn kwalunkwe entità għajr is-suġġetti tad-*data*, b'mod partikolari fejn id-*data* inkwistjoni x'aktarx li tippermetti konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tagħhom jew inkella tinvolvi riskji kbar għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi kkonċernati. B'mod partikolari, l-EDPS u l-EDPB jirrakkomandaw li jiġu introdotti limitazzjonijiet ċari rigward l-użu ta' *data* personali ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatati għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jew reklamar dirett, monitoraġġ tal-impjegati, sistema ta' evalwazzjoni tal-kreditu jew biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà għall-assigurazzjoni tas-saħħa, biex jiġu kkalkulati jew modifikati l-primjums tal-assigurazzjoni. Din ir-rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitazzjoni oħra li tista' tkun xierqa, pereżempju għall-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikolari minorenni, jew minħabba n-natura partikolarment sensitiva ta' ċerti kategoriji ta' *data* (eż. *data* dwar l-użu ta' apparat mediku jew *data* bijometrika) u l-protezzjonijiet offruti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

2. L-obbligu li d-*data* ssir disponibbli fil-każ ta' "ħtieġa eċċezzjonali"

Fir-rigward tal-Kapitolu V tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS għandhom tħassib serju dwar il-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità tal-obbligu li d-*data* ssir disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni f'każ ta' "ħtieġa eċċezzjonali".

L-EDPB u l-EDPS ifakkru li kwalunkwe limitazzjoni fuq id-dritt għad-*data* personali trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika li tkun aċċessibbli u prevedibbli b'mod adegwat u fformulata bi preċiżjoni suffiċjenti biex l-individwi jkun jistgħu jifhmu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha. F'konformità mal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità, il-baży ġuridika trid tiddefinixxi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni u l-mod tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti u tkun akkumpanjata minn salvagwardji suffiċjenti biex jipproteġu lill-individwi kontra interferenza arbitrarja.

L-EDPB u l-EDPS josservaw li ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-aċċess mhumieħ speċifikati b'mod strett u jqisu li huwa meħtieġ li l-leġiżlatur jiddefinixxi b'mod ħafna aktar strett l-ipoteżijiet ta' emerġenza jew ħtieġa eċċezzjonali. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li ċerti korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni

għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu V bħala tali u għandhom ikunu jistgħu biss jobbligaw lid-detenturi tad-*data* jagħmlu d-*data* disponibbli f'konformità mas-setgħat ipprovduti mil-leġiżlazzjoni settorjali.

3. Implimentazzjoni u infurzar

L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw ir-riskju ta' diffikultajiet operazzjonali li jistgħu jirriżultaw mill-ħatra ta' aktar minn awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-Proposta. L-EDPB u l-EDPS għandhom tħassib serju li din l-arkitettura ta' governanza se twassal għal kumplessità u konfużjoni kemm għall-organizzazzjonijiet kif ukoll għas-suġġetti tad-*data*, għal diverġenza fl-approċċi regolatorji madwar l-Unjoni u b'hekk taffettwa l-konsistenza tal-monitoraġġ u l-infurzar.

L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-ħatra tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* bħala awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Proposta sa fejn hija kkonċernata l-protezzjoni tad-*data* personali, li hija importanti biex jiġu evitati inkonsistenzi u kunflitti possibbli bejn id-dispożizzjonijiet tal-Proposta u l-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-*data*, u biex jiġi ppreservat id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali kif stabbilit skont l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-EDPB u l-EDPS jitolbu lill-koleġiżlaturi jaħtru wkoll awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* bħala awtoritajiet kompetenti li jikkoordinaw skont din il-Proposta. L-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* għandhom kompetenza unika, kemm legali kif ukoll teknika, fil-monitoraġġ tal-konformità tal-ipproċessar tad-*data*. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS huma tal-opinjoni li, meta jitqies li l-GDPR japplika meta *data* personali u mhux personali f'sett ta' *data* tkun marbuta b'mod inseparabbli, ir-rwol tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandu jipprevali fl-arkitettura ta' governanza tal-Proposta.

Wara li kkunsidraw ir-rwol ta' sorveljanza tal-EDPS bħala l-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea u l-fatt li wħud mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea jistgħu jaġixxu wkoll bħala utent jew detentur tad-*data* fis-sens ta' din il-Proposta, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw l-inklużjoni ta' referenza għall-EDPS bħala awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-Proposta kollha kemm hi sa fejn din tikkonċerna l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.

Werrej

1	Sfond.....	6
2	Kamp ta' applikazzjoni tal-opinjoni.....	7
3	Valutazzjoni.....	7
3.1	Kummenti ġenerali.....	7
3.2	Interazzjoni tal-Proposta mal-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad- <i>data</i>	9
3.3	Interazzjoni tal-Proposta mad-DMA u d-DGA.....	11
3.4	Dispożizzjonijiet ġenerali (Kapitolu I tal-Proposta).....	12
3.4.1	Artikolu 1: Suġġett u kamp ta' applikazzjoni	12
3.4.2	Artikolu 2: Definizzjonijiet	13
3.5	Il-kondiviżjoni tad- <i>data</i> bejn negozju u konsumatur u bejn negozju u negozju (Kapitolu II tal-Proposta).....	13
3.6	Obbligi għad-detenturi tad- <i>data</i> legalment obbligati li jagħmlu d- <i>data</i> disponibbli u t-termini relatati mal-aċċess tad- <i>data</i> u l-użu bejn l-intrapriżi (il-Kapitoli III u IV tal-Proposta).....	18
3.7	L-aċċess għad- <i>data</i> u l-użu tagħha mill-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-Aġenziji jew il-Korpi tal-Unjoni (Kapitolu V).....	21
3.8	Salvagwardji tad- <i>data</i> mhux personali f'kuntesti internazzjonali (Kapitolu VII tal-Proposta)	25
3.9	Implimentazzjoni u Infurzar (Kapitolu IX tal-Proposta).....	26

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 42(2) tar-Regolament 2018/1725 tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim ŻEE u b' mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

ADOTTAW L-OPINJONI KONĠUNTA LI ĠEJJA

1 SFOND

1. Il-Proposta dwar l-Att dwar id-Data ("il-Proposta") hija ppromulgata skont il-Komunikazzjoni "Strateġija Ewropea dwar id-Data għad-data ("l-Istrateġija dwar id-Data").¹
2. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("EDPB") u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("EDPS") jinnotaw li, skont il-Kummissjoni *"l-ċittadini lesti jafdaw u jilqgħu l-innovazzjonijiet immexxija mid-data biss jekk dawn ikollhom rashom mistrieħa li kull kondivizzjoni tad-data personali fl-UE tkun konformi bis-sħiħ mar-regoli stretti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data"*².
3. Kif speċifikat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tagħha, il-Proposta *"hija pilastru ewlieni u t-tieni inizjattiva ewlenija mħabbra fl-Istrateġija għad-Data. B' mod partikolari, dan jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' qafas ta' governanza transsettorjali għall-aċċess u l-użu tad-data billi jilleġiżla dwar materji li jaffettwaw ir-relazzjonijiet bejn l-atturi tal-ekonomija tad-data, sabiex jiġu pprovduti inċentivi għall-kondivizzjoni orizzontali tad-data bejn is-setturi"*. L-oġġettivi speċifiċi tal-Proposta huma dawn li ġejjin:
 - *"L-iffaċilitar tal-aċċess għad-data u l-użu tagħha mill-konsumaturi u min-negozji, filwaqt li jiġu ppreservati l-inċentivi għall-investiment f' modi ta' ġenerazzjoni tal-valur permezz tad-data.*
 - *Isir provvedimenti għall-użu minn korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni ta' data miżmuma minn intrapriżi f' ċerti sitwazzjonijiet fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali ta' data.*
 - *Jiġi ffaċilitat il-qlib bejn is-servizzi cloud u edge.*
 - *Jiġu stabbiliti salvagwardji kontra t-trasferiment illegali tad-data mingħajr notifika mill-fornituri tas-servizzi tal-cloud.*

¹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għad-data", 19 ta' Frar 2020, COM (2020) 66 final.

² Strateġija Ewropea għad-data, Introduzzjoni, paġna 1.

– *Isir provvedimenti għall-iżvilupp ta’ standards tal-interoperabbiltà għad-data li għandha terġa’ tintuża bejn is-setturi*”.³

2 KAMP TA’ APPLIKAZZJONI TAL-OPINJONI

4. Fit-23 ta’ Frar 2022, il-Kummissjoni ppubblikat il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (“l-Att dwar id-Data”) jew (“il-Proposta”).
5. Fit-23 ta’ Frar 2022, il-Kummissjoni talbet Opinjoni Konġunta tal-EDPB u tal-EDPS (“Opinjoni”) abbażi tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (EUDPR) dwar il-Proposta.
6. **Il-Proposta hija ta’ importanza partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Opinjoni huwa limitat għall-aspetti tal-Proposta relatati mad-data personali u li jinvolvuha, li jikkostitwixxu wieħed mill-pilastri ewlenin tal-Proposta.**
7. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-Premessa 7 tal-Proposta, fejn jissema b’mod espliċitu li l-Proposta tikkomplementa u hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, b’mod partikolari l-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.
8. L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li huwa meħtieġ li jiġu żgurati u jinżamm ir-rispett u l-applikazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali. **Meta d-data personali tkun involuta fil-kuntest tal-Proposta, huwa essenzjali li fit-test legali tal-Proposta tiġi evitata b’mod ċar kwalunkwe inkonsistenza u kunflitt possibbli mal-GDPR, mad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jew mal-EUDPR.** Dan mhux biss għal raġunijiet ta’ ċertezza legali, iżda wkoll biex jiġi evitat li l-Proposta jkollha l-effett li tipperikola direttament jew indirettament id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, kif stabbilit skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”) u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”).
9. Peress li l-Proposta, kif spjegat aktar f’din l-Opinjoni, tqajjem diversi tħassib dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, **l-għan ta’ din l-Opinjoni mhuwiex li tipprovdi lista eżawrjenti tal-kwistjonijiet kollha, u lanqas li dejjem tipprovdi proposti alternattivi ta’ suġġerimenti ta’ formulazzjoni.** Minflok, **din l-Opinjoni għandha l-għan li tindirizza l-punti kritiċi ewlenin, fir-rigward tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data, tal-Proposta.**

3 VALUTAZZJONI

3.1 Kummenti ġenerali

10. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu l-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-informazzjoni li għandha tiġi estratta mid-data sabiex jinkiseb għarfien siewi għal valuri komuni importanti u għas-saħħa, ix-xjenza, ir-

³ Memorandum ta’ Spjegazzjoni, paġna 3.

riċerka u l-azzjoni dwar il-klima. Barra minn hekk, huma jenfasizzaw li l-GDPR diġà jippermetti dan sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali.

11. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu wkoll l-importanza tal-għan u jilqgħu l-għan li jipprovdu dritt aktar effettiv għall-portabbiltà tad-*data*, bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-innovazzjoni u jippromwovu l-kompetizzjoni u li jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi li jużaw prodotti jew servizzi relatati biex jikkontrollaw b'mod sinifikanti kif tintuża d-*data* ġġenerata mill-użu tagħhom tal-prodott jew tas-servizz relatat⁴.
12. Il-Proposta għandha l-għan li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar li d-*data* ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat issir disponibbli għall-utent ta' dak il-prodott jew servizz u dwar li d-*data* ssir disponibbli mid-detenturi tad-*data* lir-riċevituri tad-*data*.⁵ L-EDPB u l-EDPS għalhekk jirrikonoxxu li l-kamp ta' applikazzjoni previst tal-Proposta ma jikkonċernax esklużivament id-*data* personali, iżda minflok japplika kemm għal *data* personali kif ukoll għal *data* mhux personali li hija ġġenerata mill-użu ta' prodotti u servizzi skont it-tifsira tal-Proposta.
13. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li d-dritt imsaħħa għall-portabbiltà jestendi għal **firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi li jistgħu jiżvelaw *data* sensittiva ħafna** dwar individwi, inklużi tfal u kategoriji vulnerabbli oħra ta' suġġetti tad-*data*. Il-Proposta timmira b'mod espliċitu d-*data* ġġenerata mill-IoT u l-IoB, inkluż vetturi, tagħmir tad-dar u oġġetti tal-konsumatur, apparat mediku u tas-saħħa.⁶ Id-*data* ġġenerata minn dawn l-oġġetti konnessi se ssir is-suġġett tad-drittijiet u l-obbligi ta' aċċess għad-*data* introdotti mill-Proposta. B'riżultat ta' dan, id-*data* mill-aktar postijiet privati u l-madwar tas-suġġett tad-*data*, kif ukoll *data* sensittiva ħafna dwar is-saħħa tista' tiġi pproċessata.
14. Il-Proposta ma tagħmilx distinzjoni bejn *data* personali, kif definita skont l-Artikolu 4(1) tal-GDPR, u *data* mhux personali oħra fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess, kondivizzjoni u użu tad-*data*. Barra minn hekk, **id-drittijiet għall-aċċess, l-użu u l-kondivizzjoni tad-*data* skont il-Proposta x'aktarx li fil-prattika jestendu għal entitajiet oħra għajr is-suġġett tad-*data***, inkluż negozji, skont it-titolu legali li taħtu jintuża l-prodott. Id-drittijiet u l-obbligi tal-kondivizzjoni tad-*data* li l-Proposta għandha l-ħsieb li tistabbilixxi għalhekk joħolqu **riskju sostanzjali li d-*data* personali tinġabar, tiġi kondiviża u tintuża mingħajr għarfien tas-suġġett tad-*data***, partikolarment jekk ma tkunx speċifikata skont ir-rakkomandazzjonijiet magħmula f' din l-Opinjoni, b'mod partikolari f'każ ta' eżerċizzju tad-dritt għall-portabbiltà tad-*data* minn utent li mhuwiex is-suġġett tad-*data*. Eżempji ta' każijiet problematiċi ta' użu jinkludu, mingħajr ma jkunu limitati għal, apparati li jintraċċaw il-post fejn jinsabu l-prodotti jew is-servizzi li jinġarru jew jiġu operati minn suġġetti tad-*data* li mhuwiex "utenti" fis-sens tal-Proposta.
15. L-EDPB u l-EDPS huma mħassba li l-Proposta fit-test attwali tagħha se timbotta b'mod estensiv l-iżvilupp lejn il-"kommodifikazzjoni" tad-*data* personali, fejn id-*data* personali titqies bħala sempliċi komodità kummerċjabbli. Dan mhux biss jimmina l-kunċett stess tad-dinjità tal-bniedem u l-approċċ iċċentrat fuq il-bniedem li l-UE trid tirrispetta fl-Istrateġija tagħha dwar id-*Data*, iżda jirriskja wkoll li jimmina d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* bħala drittijiet fundamentali.⁷

⁴ Memorandum ta' spjegazzjoni, p. 13.

⁵ Artikolu 1(1) tal-Proposta.

⁶ Premessa (14) tal-Proposta.

⁷ Ara wkoll f'dan ir-rigward https://edpb.europa.eu/system/files/2021-05/edpb_statementondga_19052021_en_0.pdf p. 4.

16. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu u jilqgħu l-isforzi li saru biex jiġi żgurat li l-Proposta ma taffettwax ir-reġim attwali tal-protezzjoni tad-*data* pprovdut mill-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Minkejja dan, l-EDPB u l-EDPS iqisu li huma **meħtieġa salvagwardji addizzjonali** biex jiġi evitat li titbaxxa l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* personali fil-prattika.
17. Fil-bqija ta' din l-Opinjoni, l-EDPB u l-EDPS jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar kif il-prinċipji, is-salvagwardji u l-obbligi rilevanti tal-protezzjoni tad-*data* jistgħu jsiru aktar effettivi fi ħdan il-Proposta. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-Proposta fir-rigward tal-aċċess, l-użu u l-kondiviżjoni tad-*data*, ir-referenzi ġenerali għall-GDPR mhumix biżżejjed. L-EDPB u l-EDPS iqisu li huma meħtieġa aktar speċifikazzjonijiet, b'mod partikolari fejn it-test tal-Proposta jirriskja li jwassal għal interpretazzjoni ħażina jekk ma tiġix enfasizzata b'mod espliċitu referenza aktar kompluta għal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* (kemm il-GDPR kif ukoll id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika). L-EDPB u l-EDPS iqisu li, fin-nuqqas ta' tali speċifikazzjonijiet, hemm riskju li l-Proposta tbaxxi l-livell ta' protezzjoni għas-suġġetti tad-*data*, għall-kuntrarju tal-oġġettivi ddikjarati tal-Kummissjoni.
18. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma wkoll minħabba l-kamp ta' applikazzjoni mhux ċar (li jirreferi għal *data* mhux personali u/jew personali) tad-drittijiet u l-obbligi ta' aċċess għal, kondiviżjoni u użu ta' *data* mid-detenturi tad-*data*, l-utenti (bħala suġġetti mhux tad-*data*) u partijiet terzi jew riċevituri stabbiliti fil-Proposta.
19. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw li, meta jitqies li d-dritt imsaħħa għall-portabbiltà jestendi għal firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi li jistgħu jiżvelaw *data* sensittiva ħafna li tikkonċerna lill-individwi, sabiex ma jiġix imminat il-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali, il-Proposta għandha tispeċifika b'mod espliċitu u ċar li l-ipproċessar tad-*data* personali mid-detenturi tad-*data*, l-utenti (bħala suġġetti mhux tad-*data*) u l-partijiet terzi jew ir-riċevituri għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet u r-regoli kollha pprovduti mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*⁸.

3.2 Interazzjoni tal-Proposta mal-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*

20. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 1(3) tal-Proposta jispeċifika li "Id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-integrità tat-tagħmir terminali għandu japplika għad-*data* personali pproċessata b'rabta mad-drittijiet u mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament", u li l-Proposta "m'għandhiex taffettwa l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, inklużi s-setgħat u l-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji." Barra minn hekk, l-istess dispożizzjoni tistabbilixxi li "Sa fejn huma kkonċernati d-drittijiet stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, u meta l-utenti jkunu s-suġġetti tad-*data* ta' *data* personali soġġetti għad-drittijiet u l-obbligi skont dak il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jikkomplementaw id-dritt tal-portabbiltà tad-*data* skont l-Artikolu 20 -Regolament (UE) 2016/679."
21. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu tajjeb ħafna l-oġġettiv tal-Artikolu 1(3) tal-Proposta, li huwa li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-regoli u l-prinċipji eżistenti dwar il-protezzjoni tad-*data* ma tiġix affettwata jew imminata. Fid-Dikjarazzjoni tiegħu dwar il-Pakkett tas-Servizzi Diġitali u l-Istrateġija dwar id-*Data*⁹, l-

⁸ Ara, b'mod partikolari l-paragrafu 22, u n-nota f'qiegħ il-paġna 8, tal-Opinjoni.

⁹ Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar il-Pakkett tas-Servizzi Diġitali u l-Istrateġija dwar id-*Data*, 18 ta' Novembru 2021.

EDPB appella lill-Kummissjoni biex tiżgura ċ-ċertezza legali u l-koerenza mal-qafas eżistenti tal-protezzjoni tad-*data*. B’mod partikolari, l-EDPB ħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li r-regoli u l-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-*data* għandhom jipprevalu kull meta tkun qed tiġi pproċessata *data* personali.

22. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw b’mod pożittiv li t-test ta’ kompromess tal-Att dwar il-Governanza tad-*Data* (“id-DGA”), kemm fil-premessi tiegħu kif ukoll fit-termini ta’ promulgazzjoni, jiddikjaraw b’mod espliċitu li fil-każ ta’ kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet tad-DGA u l-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* personali adottata f’konformità mad-dritt tal-Unjoni, dan tal-aħħar għandu jipprevali¹⁰.
23. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw bil-qawwa li jiġi emendat l-Artikolu 1(3) tal-Proposta biex jiġi allinjat mal-formulazzjoni tad-DGA sabiex tissaħħaħ il-koerenza bejn il-Proposta, id-DGA u l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. L-EDPB u l-EDPS iqisu li għandha tiġi introdotta referenza għar-Regolament (UE) 2018/1725 EUDPR fl-Artikolu 1(3) u fil-Premessa 30¹¹.
24. L-EDPB u l-EDPS iqisu li din id-dikjarazzjoni espliċita hija meħtieġa fid-dawl tal-entitajiet li jistgħu jibbenefikaw mid-dritt ta’ aċċess, użu u kondivizzjoni ta’ *data* ġġenerata mill-użu ta’ prodott jew servizz relatat. Il-Proposta tagħti dawn id-drittijiet lill-“utent”, li huwa definit bħala “*persuna fiżika jew ġuridika li tippossjedi, tikri jew li tagħmel lokazzjoni tal-prodott jew tirċievi [servizz]*”.¹² Il-premessa 18 tiċċara li utent jista’ jkun *negozzju jew konsumatur* li jkun xtara, kera jew għamel lokazzjoni tal-prodott. B’riżultat ta’ dan, id-dritt għall-aċċess, l-użu u l-kondivizzjoni tad-*data* fil-prattika x’aktarx li jiġi estiż għal entitajiet oħra għajr is-suġġett tad-*data*, inkluż in-negozzji, skont it-titolu legali li taħtu jintuża l-prodott¹³.
25. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li entitajiet oħra għajr is-suġġett tad-*data* jista’ jkollhom raġuni leġittima biex jaċċessaw id-*data* ġġenerata mill-użu ta’ prodott jew servizz relatat. Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS iqisu li hemm ukoll riskju sinifikanti li d-drittijiet ta’ aċċess, kondivizzjoni jew użu ta’ *data* ġġenerata mill-użu ta’ prodott jew servizz relatat jistgħu jiġu eżerċitati biex jinterferixxu bla bżonn mad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Pereżempju, impjegatur li jkun xtara assistenti virtwali bil-vuċi u għamilhom disponibbli għall-impjegati tiegħu jista’ juża d-dritt ta’ aċċess sabiex jaċċessa l-istorja tat-tiftix tagħhom.
26. Biex jiġu limitati r-riskji ta’ interpretazzjoni jew implimentazzjoni tal-Proposta li jistgħu jaffettwaw jew jimminaw l-applikazzjoni tal-liġi eżistenti dwar il-protezzjoni tad-*data*, l-EDPB u l-EDPS jappellaw lil-leġiżlatur biex isaħħaħ il-formulazzjoni tal-Artikolu 1(3) billi jispeċifika b’mod espliċitu li, f’każ ta’

¹⁰ L-Artikolu 1(2a) u l-Premessa 3a tal-Abbozz ta’ regolament dwar il-governanza Ewropea tad-*data* (l-Att dwar il-Governanza tad-*Data*) - test soġġett għal reviżjoni, Diċembru 2021, disponibbli fuq <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2021/11/30/promoting-data-sharing-presidency-reaches-deal-with-parliament-on-data-governance-act/>

¹¹ Filwaqt li l-Artikolu 1(2)d tal-Proposta jindika li dan ir-Regolament japplika għal “*korpi tas-settur pubbliku u istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni li jitolbu lid-detenturi tad-*data* jaqgħmlu d-*data* disponibbli fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali għal dik id-*data* għat-twettiq ta’ kompitu mwettaq fl-interess pubbliku u d-detenturi tad-*data* li jipprovdu dik id-*data* b’razzjoni għal tali talba*” (jiġifieri EUIs li jaqgħmlu talbiet skont il-Kapitolu V), dan ma jeskludix l-EUIs mill-kunċett ta’ “utent” u lanġas mill-kunċett ta’ “riċevitur”. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe talba li toħroġ minn EUI għandha tikkonforma wkoll mal-EUDPR (minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu V).

¹² L-Artikolu 2(5) tal-Proposta jirreferi għal “servizzi”, iżda għandu jiġi kkoreġut biex jirreferi għas-“servizz” uniku.

¹³ Ara wkoll il-Premessa 18 tal-Proposta.

kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-Proposta l-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* “**tipprevali**”, sa fejn tikkonċerna l-ipproċessar ta’ *data* personali.

27. Fl-aħħar nett, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw ukoll li ssir **distinzjoni ċara** fl-Artikoli 3, 4, 5, 6, 8 tal-Proposta bejn id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li jaċċessaw u jużaw *data* ġġenerata mill-użu tagħhom stess ta’ prodotti jew servizzi relatati u d-drittijiet jew l-obbligi possibbli ta’ atturi oħra. L-aċċess u l-kondiviżjoni ta’ *data* personali minn utenti għajr is-suġġett tad-*data* għandhom **ikunu possibbli biss sa fejn** il-prinċipji u r-regoli applikabbli kollha dwar il-protezzjoni tad-*data* jippermettu tali pproċessar ta’ *data* personali¹⁴.
28. Pereżempju, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu Premessa li tiddikjara li, f’konformità mal-GDPR, it-twertiq ta’ kuntratt jista’ tkun biss raġuni legali għall-ipproċessar ta’ *data* personali jekk is-suġġett tad-*data* jkun parti jew jekk ikunu qed jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-*data* qabel ma jidħol f’kuntratt. Barra minn hekk, din il-Premessa għandha ssemmi wkoll li r-rekwiżit ta’ “neċessità” mhuwiex sodisfatt bis-sempliċi inklużjoni ta’ klawżola kuntrattwali li tipprovdi għall-ipproċessar. Il-kontrollur għandu jkun kapaċi juri kif, fil-fatt, is-suġġett prinċipali tal-kuntratt speċifiku mas-suġġett tad-*data* ma jistax jitwettaq jekk ma jsirx l-ipproċessar speċifiku tad-*data* personali inkwistjoni¹⁵.

3.3 Interazzjoni tal-Proposta mad-DMA u d-DGA

29. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta għandha l-għan li **tikkomplementa**¹⁶ l-Proposta għal **Att dwar is-Swieq Diġitali** (“DMA”)¹⁷ u d-DGA¹⁸.
30. L-EDPB u l-EDPS josservaw li **l-impriżi maħtura bħala gwardjani skont id-DMA** ma għandhomx ikunu **partijiet terzi** eliġibbli għall-kondiviżjoni tad-*data* skont il-Proposta¹⁹.
31. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta **ma tiċċarax l-interazzjoni ma’ xi dispożizzjoni ewlenija tad-DMA** relatata mal-kondiviżjoni tad-*data*, b’mod partikolari mal-Artikolu 6(1)(h)²⁰ u l-Artikolu 6(1)(i)²¹

¹⁴ Sa fejn jikkonċerna d-*data* personali, in-natura tad-dritt imsaħħa għall-portabbiltà tad-*data* jeħtieġ li tiġi ċċarata: f’każ ta’ eżerċizzju ta’ dan id-dritt minn negozju, dan ikun dwar l-obbligu kummerċjali għall-manifattur/detentur tad-*data* li jipprovdi aċċess għal *data* lin-negozju, soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti kollha tal-GDPR, aktar milli “dritt” ta’ trasferiment u għal *data* personali pproċessata

¹⁵ Linji Gwida 2/2019 tal-EDPB dwar l-ipproċessar ta’ *data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR fil-kuntest tal-forniment ta’ servizzi online lis-suġġetti tad-*data*, Verżjoni 2.0, fit-8 ta’ Ottubru 2019, il-paragrafu 1.

¹⁶ Il-Memorandum ta’ Spjegazzjoni għall-Proposta, p.4 u 5.

¹⁷ COM(2020)842 finali.

¹⁸ [COM\(2020\) 767 finali](#).

¹⁹ L-Artikolu 5(2) tal-Proposta.

L-EDPB u l-EDPS jinnotaw ukoll l-esklużjoni mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt imsaħħa għall-portabbiltà tad-*data* ġġenerata mill-użu ta’ prodotti jew servizzi relatati pprovduti minn intrapriżi mikro jew żgħar skont l-Artikolu 7(1).

²⁰ L-Artikolu 6(1)(h) tal-Proposta dwar id-DMA, li jkun jirrikjedi li l-gwardjani fost l-oħrajn jipprovdu għodod għall-utenti finali biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tal-portabbiltà tad-*data*, f’konformità mal-GDPR, inkluż permezz tal-forniment ta’ Nota ta’ aċċess kontinwu u f’ħin reali: fil-mument tal-abbozzar, 1/4/2022, għad m’hemm l-ebda kopja disponibbli għall-pubbliku tat-test ta’ kompromess (għall-kuntrarju tad-DGA).

²¹ L-Artikolu 6(1)(i) tal-Proposta dwar id-DMA li tirrikjedi li l-gwardjani jipprovdu aċċess kontinwu u f’ħin reali u użu ta’ *data* aggregata jew mhux aggregata biss meta dawn ikunu konnessi direttament mal-użu li jkun sar mill-utent finali fir-rigward tal-prodotti jew is-servizzi offruti mill-utent kummerċjali rilevanti tramite tas-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti, u meta l-utent finali jaċċetta din il-kondiviżjoni b’kunsens fis-sens tal-GDPR.

tad-DMA. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Proposta tiġi allinjata mat-test finali tad-DMA maqbul mill-koleġiżlaturi.

32. L-EDPB u l-EDPS iqisu b'mod partikolari li ċerti restrizzjonijiet fuq **it-tipi ta' data li għandhom isiru disponibbli**, pereżempju *data* dwar il-mistoqsijiet, il-klikks u l-viżjonijiet (minn tfittxijiet online) imsemmija fl-Artikolu 6(1)(j) tad-DMA, li għandha ssir disponibbli f'forma anonimizzata²², għandhom japplikaw ukoll, *mutatis mutandis*, fil-kuntest tal-kondiviżjoni tad-*data* relatata ma' mistoqsijiet li jsiru lill-assistenti virtwali.
33. Wara li kkunsidraw id-DGA, l-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw li l-Proposta tinkludi **definizzjoni differenti** minn dik li tinsab fid-DGA għat-terminu "detentur tad-*data*"²³, li tista' toħloq inċertezza legali. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' "detentur tad-*data*" fil-Proposta għandha tiġi ċċarata aktar²⁴.
34. L-EDPB u l-EDPS iqisu li t-termini ta' promulgazzjoni tal-Proposta għandhom jiċċaraw aktar jekk, u soġġett għal liema kundizzjonijiet, "riċevitur tad-*data*"²⁵ jista' jkun "fornitur tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-*data*"²⁶ (jew "servizz ta' intermedjazzjoni tad-*data*"²⁷) kif imsemmi fid-DGA. Il-premessa 35 tirreferi għall-każ fejn il-parti terza tkun fornitur ta' servizz ta' intermedjazzjoni tad-*data* skont it-tifsira tad-DGA, u tispeċifika wkoll li **f'dan il-każ japplikaw is-salvagwardji għas-suġġett tad-*data* previsti mid-DGA**. Madankollu, is-sustanza tal-Premessa 35 tal-Proposta mhijiex riflessa minn dispożizzjoni fit-termini ta' promulgazzjoni tal-Proposta. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li **jigħu speċifikati s-salvagwardji speċifiċi** għas-suġġetti tad-*data* li jinsabu fid-DGA li jkunu applikabbli għall-kondiviżjoni tad-*data* mid-detenturi tad-*data* lil partijiet terzi bħala intermedjarji skont il-Proposta. Barra minn hekk, f'konformità mar-rimarki li saru fit-taqsim 3.2, l-Proposta għandha tispeċifika li dawn is-salvagwardji **jikkomplementaw** dawk stabbiliti fil-GDPR, kif ukoll fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika²⁸, u b'mod partikolari f'konformità ma' din id-Direttiva, ir-rekwiżit tal-kunsens tal-utent aħħari għall-ipproċessar tad-*data* mill-parti terza.

3.4 Dispożizzjonijiet ġenerali (Kapitolu I tal-Proposta)

3.4.1 Artikolu 1: Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

35. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li, minħabba l-użu ta' kunċetti wiesgħa ħafna, bħal "prodott" u "servizzi relatati" fl-Artikolu 1(1) tal-Proposta, il-kamp ta' applikazzjoni huwa wkoll wiesa' ħafna u jista' jibbenefika minn aktar ċarezza²⁹.
36. L-Artikolu 1(4) tal-Proposta jiddikjara li din ma għandhiex taffettwa l-atti legali tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jipprevedu l-kondiviżjoni, l-aċċess u l-użu tad-*data* għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali,

²² Ara wkoll l-Opinjoni 2/2021 tal-EDPS dwar il-Proposta għal Att dwar is-Swieq Diġitali, l-10 ta' Frar 2021, il-paragrafu 32, paġna 12, "il-gwardjan għandu jkun jista' juri li d-*data* anonimizzata dwar il-mistoqsijiet, il-klikks u l-viżjonijiet ġiet ittestjata b'mod adegwat kontra riskji possibbli ta' identifikazzjoni mill-ġdid."

²³ Il-Proposta fiha definizzjoni ta' "detentur tad-*data*" taħt l-Artikolu 2(6); il-Proposta għad-DGA taħt l-Artikolu 2(5).

²⁴ It-tifsira ta' "permezz tal-kontroll tad-disinn tekniku tal-prodott u tas-servizzi relatati" jista' jkollha bżonn tiġi speċifikata.

²⁵ Kif definit fl-Artikolu 2(7) tal-Proposta.

²⁶ "fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-*data*" fit-test ta' kompromess tal-Kunsill, LIMITE, 10 ta' Diċembru 2021 [għandu jiġi vverifikat, aġġornat darba/jekk verżjoni pubblika tkun disponibbli]

²⁷ Ara l-Artikolu 9 tal-Proposta għal Att dwar il-Governanza tad-*Data* (DGA).

²⁸ Id-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika: Artikolu 5(3)

²⁹ Ara l-Opinjoni 8/2014 tad-WP29 dwar l-iżviluppi reċenti fuq l-internet tal-oġġetti, adottata fis-16 ta' Settembru 2014.

inkluż ir-Regolament (UE) 2021/784 u l-[proposti dwar l-evidenza elettronika [COM(2018) 225 u 226] u lanqas ma għandha taffettwa d-dispożizzjonijiet rispettivi tad-Direttiva (UE) 2015/849 u tar-Regolament (UE) 2015/847. Fl-aħħar nett, il-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-attivitàjiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà nazzjonali, id-dwana u l-amministrazzjoni tat-taxxa u s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini skont id-dritt tal-Unjoni lanqas ma huma affettwati mill-proposta.

37. Madankollu mhuwiex ċar jekk l-Artikolu 1(4) tal-Proposta għandux xi interazzjoni rilevanti ma' dawn ir-Regolamenti u din id-Direttiva. Li jiġi ddikjarat li l-Proposta ma taffettwax dawn il-liġijiet ma jfissirx li l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* skont il-Proposta ma jistgħux jintużaw għall-finijiet ta' dawn il-liġijiet. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tkompli tiġi speċifikata l-interazzjoni possibbli mal-oqfsa legali msemmija hawn fuq.³⁰

3.4.2 Artikolu 2: Definizzjonijiet

38. Id-definizzjoni ta' "*data*" skont l-Artikolu 2(1) tal-Proposta tista', skont in-natura tad-*data* inkwistjoni, tinkludi wkoll *data* personali, li timplika li r-regoli fil-Proposta jistgħu japplikaw l-istess bħall-GDPR. It-terminu *data* jintuża fil-Proposta b'mod indistintiv biex jirreferi għal *data* personali u mhux personali, li jista' jwassal għal konfużjoni. Pereżempju, ir-referenza fil-Premessa 24 għall-possibbiltà għad-detenturi tad-*data* li jużaw *data* ġġenerata mill-utent abbażi ta' ftehim kuntrattwali ma tiċċarax liema tip ta' *data* tirreferi għaliha. Jekk dan l-eżempju jirreferi wkoll għal *data* personali, mhuwiex komplut fir-rigward tal-obbligi li l-kontrolluri għandhom skont il-GDPR, u għalhekk jista' faċilment jiġi interpretat tażin.
39. L-EDPB u l-EDPS għalhekk jirrakkomandaw lill-koleġiżlatur biex jissupplimenta l-Artikolu 2 tal-Proposta b'definizzjoni ta' "*data* personali" (kif definit mill-GDPR) u "*data* mhux personali". B'mod simili, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiżdiedu definizzjonijiet ta' "suġġett tad-*data*" u "kunsens" fl-Artikolu 2 tal-Proposta, peress li dawn it-termini jintużaw ta' spiss fil-Proposta u l-premessi. L-Artikolu 2(5) tal-Proposta jiddefinixxi "utent" bħala persuna fiżika jew ġuridika li jkollha sjieda, li tikri jew li tagħmel lokazzjoni ta' prodott jew li tirċievi servizz. Għal raġunijiet ta' ċarezza u biex tinkiseb setgħa effettiva tal-individwi fir-rigward tad-*data* personali tagħhom, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tiżdied ma' din id-definizzjoni "u s-suġġett tad-*data*" (u li tiġi inkluża definizzjoni tas-suġġett tad-*data* li għandha l-istess tifsira bħal fil-GDPR) kif ukoll li ssir distinzjoni ċara bejn is-sitwazzjonijiet fejn l-utent ikun is-suġġett tad-*data* u s-sitwazzjoni fejn l-utent ma jkunx is-suġġett tad-*data*.

3.5 Il-kondiviżjoni tad-*data* bejn negozju u konsumatur u bejn negozju u negozju (Kapitolu II tal-Proposta)

40. Il-Kapitolu II tal-Proposta huwa relatat ma' *data* ġġenerata mill-użu ta' prodotti jew servizzi relatati. Il-Proposta tiddefinixxi "*prodott*" bħala "*oġġett tanġibbli u mobbli [...] li jikseb, jiġġenera jew jiġbor, data li tikkonċerna l-użu jew l-ambjent tiegħu, u li jkun kapaċi jikkomunika data permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku u li l-funzjoni primarja tiegħu ma tkunx il-ħżin u l-ipproċessar tad-*data*". "servizz relatat", min-naħa tiegħu, huwa definit bħala "*servizz diġitali, inkluż software, li huwa inkorporat fi prodott jew interkonness ma' prodott b'tali mod li n-nuqqas tiegħu**

³⁰ Ara wkoll it-taqsimi 3.7 tal-Opinjoni Rigward l-aċċess għad-*data* u l-użu tad-*data* mill-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni skont il-Kapitolu V tal-Proposta.

jipprevjeni lill-prodott milli jwettaq waħda mill-funzjonijiet tiegħu". Barra minn hekk, il-Proposta tiċċara fl-Artikolu 7(2) li fejn il-Proposta tirreferi għal prodotti jew servizzi relatati, tali referenza għandha tinftehem ukoll li tinkludi assistenti virtwali³¹, sakemm dawn jintużaw biex jaċċessaw jew jikkontrollaw prodott jew servizz relatat.

41. L-EDPB u l-EDPS iqisu li d-definizzjoni ta' prodott tikkoinċidi, parzjalment, mal-kunċett ta' **"tagħmir terminali"**³² skont it-tifsira tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jeħtieġ il-kunsens tal-abbonat jew l-utent qabel il-ħżin tal-informazzjoni, jew il-kisba tal-aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna, fit-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent finali, sakemm tali ħżin jew aċċess ma jkunx strettament meħtieġ sabiex il-fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni jipprovdi s-servizz espliċitament mitlub mill-abbonat jew l-utent. Barra minn hekk, kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar ta' data personali wara dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar, inkluż l-ipproċessar ta' data personali miksuba permezz tal-aċċess għall-informazzjoni fit-tagħmir terminali, irid ikollha wkoll bażi ġuridika skont l-Artikolu 6 tal-GDPR sabiex tkun legali.³³
42. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw b'mod pożittiv il-kjarifika pprovduta mill-Premessa 15 tal-Proposta, li tindika b'mod ċar li prodotti bħal kompjuters personali, servers, tablets u smart phones, kameras, webcams, sistemi ta' reġistrazzjoni tal-ħoss u skeners tat-test ma jkunx koperti mill-Proposta. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Artikolu 2(2) tal-Proposta jiddefinixxi "prodott" f'tali termini (wiesgħa) li tali apparati jistgħu fil-fatt jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni inkluża fit-termini ta' promulgazzjoni tal-Proposta. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li huwa meħtieġ li tiġi emendata d-definizzjoni ta' "prodott" sabiex jiġu esklużi b'mod ċar prodotti bħal kompjuters personali, servers, tablets u smart phones, kameras, webcams, sistemi ta' reġistrazzjoni tal-ħoss u skeners tat-test, ukoll fit-termini ta' promulgazzjoni tal-Proposta³⁴.
43. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw b'mod pożittiv li l-Artikolu 4(5) tal-Proposta jistabbilixxi li meta l-utent ma jkunx suġġett tad-data, kwalunkwe data personali ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat għandha issir disponibbli biss mid-detentur tad-data lill-utent meta jkun hemm bażi ġuridika valida

³¹ L-Artikolu 2(4) jipprovdi d-definizzjoni ta' assistent virtwali.

³² Skont l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/63/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet, "tagħmir terminali" tinkludi "tagħmir direttament jew indirettament konness mal-interfaċċja ta' network tat-telekomunikazzjoni pubblika sabiex jibgħat, jipproċessa jew jirċievi informazzjoni; [...]".

Ara wkoll il-Linji Gwida 02/2021 tal-EDPB dwar l-assistenti virtwali bil-vuċi, Verżjoni 2.0, adottati fis-7 ta' Lulju 2021, para. 25: *F'konformità mad-definizzjoni ta' "tagħmir terminali", smartphones, TVs konnessi u apparati simili tal-IoT huma eżempji għal tagħmir terminali. Anke jekk il-VVAs fihom infushom huma servizzi ta' software, dejjem joperaw permezz ta' apparat fiżiku bħal speaker intelliġenti jew TV konness. Il-VVAs jużaw networks ta' komunikazzjoni elettronika biex jaċċessaw dawn l-apparati fiżiċi li jikkostitwixxu "tagħmir terminali" fis-sens tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 (3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika japplikaw kull meta l-VVA jaħżen jew jaċċessa informazzjoni fl-apparat fiżiku marbut miegħu*.

³³ Ara l-Linji Gwida 1/2020 tal-EDPB dwar l-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' vetturi konnessi u applikazzjonijiet relatati mal-mobbiltà, il-paragrafu 41 għal raġunament simili fir-rigward tal-vetturi konnessi ("Linji Gwida 1/2020 tal-EDPB"). Ara wkoll l-Opinjoni 5/2019 tal-EDPB dwar l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetenza, il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data.

³⁴ L-EDPB u l-EDPS jixtiequ jissottolinjaw li s-sejba li d-definizzjoni ta' "prodott" fil-Proposta tikkoinċidi, parzjalment, mad-definizzjoni ta' "tagħmir terminali" skont it-tifsira tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, ma għandhiex tinftehem bħala rakkomandazzjoni biex tiġi riveduta d-definizzjoni ta' "prodott" biex tiġi allinjata mad-definizzjoni ta' "tagħmir terminali".

skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn rilevanti, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679. Peress li l-Proposta tassenja d-dritt għall-aċċess u l-użu ta' *data* ġġenerata mill-użu ta' prodotti jew servizzi relatati lill-“utenti” (li tinkludi entitajiet li mhumiex suġġetti tad-*data*), l-EDPB u l-EDPS iqisu li tali kjarifika tikkostitwixxi salvagwardja importanti. Peress li l-legalità tal-ipproċessar tad-*data* personali hija rregolata mill-Artikolu 6 tal-GDPR kollu kemm hu, madankollu, **l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li r-referenza għall-Artikolu 6(1) tal-GDPR fl-Artikolu 4(5) tal-Proposta tiġi sostitwita b'referenza għall-Artikolu 6 tal-GDPR fl-intier tiegħu u b'mod aktar ġenerali għall-kundizzjonijiet kollha tar-regoli pprovduti mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data***. Barra minn hekk, peress li l-aċċess għad-*data* ġġenerata mill-użu ta' prodotti jew servizzi relatati jista' jinvolvi wkoll aċċess għal informazzjoni maħżuna fuq it-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ċċarat li d-*data* għandha issir disponibbli biss mid-detentur tad-*data* lill-utent bil-kundizzjoni li, jekk ikunu rilevanti, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet **tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika**.

44. L-EDPB u l-EDPS ifakkru li fejn ikun meħtieġ il-kunsens skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, il-kunsens skont l-Artikolu 6 tal-GDPR probabbilment ikun il-bażi ġuridika adegwata fir-rigward ta' kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali wara l-ħżin ta' informazzjoni, jew il-kisba ta' aċċess għal, informazzjoni diġà maħżuna fit-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent³⁵.
45. Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' *data* lil partijiet terzi fuq talba ta' utent kummerċjali skont l-Artikolu 5(6) tal-Proposta. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-formulazzjoni tal-Artikolu 5(6) tiġi allinjata aktar mal-Artikolu 4(5) tal-Proposta, billi jiġi stipulat li d-*data* ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat għandha ssir disponibbli biss “mid-detentur tad-*data* lill-parti terza” meta jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet u r-regoli kollha pprovduti mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari meta jkun hemm bażi ġuridika valida skont l-Artikolu 6 u fejn rilevanti, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-GDPR u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.
46. B'riżultat ta' dan, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw il-hteġa li jiġi żgurat **li l-aċċess, l-użu u l-kondiviżjoni ta' *data* personali mill-utenti għajr is-suġġetti tad-*data* għandhom iseħħu f'konformità sħiħa mal-obbligi kollha tal-GDPR u tal-Privatezza Elettronika**, inkluż li s-suġġetti tad-*data* jiġu infurmati dwar l-aċċess mill-kontrolluri tad-*data* personali tagħhom u jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* mill-kontrolluri.
47. Wara li kkunsidraw, b'mod partikolari, **l-Artikolu 3(1) u 4(1) tal-Proposta**, l-EDPB u l-EDPS iqisu li, sabiex jippromwovu **l-minimizzazzjoni tad-*data***, il-prodotti għandhom jiffasslu b'tali mod li **s-suġġetti tad-*data*** (irrispettivament mit-titolu legali tagħhom fuq l-apparat) jiġu offruti l-possibbiltà **li jużaw il-prodotti koperti mill-Proposta, b'mod partikolari apparati tal-Internet tal-Korpi (“IoT”) jew tal-Internet tal-Oġġetti (“IoT”) b'mod anonimu** jew bl-inqas mod intrużiv għall-privatezza possibbli. Id-detenturi tad-*data* għandhom jillimitaw ukoll kemm jista' jkun l-ammont ta' *data* li tħalli l-apparat (eż. billi tiġi anonimizzata d-*data*).³⁶ Il-Proposta għandha tispeċifika b'mod ċar dan l-aspett sabiex jissaħħaħ il-kontroll mis-suġġetti tad-*data* fuq id-*data* personali tagħhom. **L-Artikolu 3(2)(a) tal-Proposta**, li jirreferi għall-obbligu li tingħata informazzjoni lill-utent dwar in-natura u l-volum tad-*data*

³⁵ Ara l-Linji Gwida 1/2020 tal-EDPB dwar l-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest ta' vetturi konnessi u applikazzjonijiet relatati mal-mobbiltà, il-paragrafu 27.

³⁶ Ara l-Opinjoni 8/2014 tad-WP29 dwar l-iżviluppi reċenti fuq l-internet tal-oġġetti, adottata fis-16 ta' Settembru 2014.

li x'aktarx tiġi ġġenerata bl-użu tal-prodott, ma għandux jiġi interpretat bħala li jaffettwa b'mod negattiv il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* tal-GDPR. Fl-aħħar nett, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li l-Artikolu 3 għandu jindika b'mod ċar liema entità/entitajiet għandhom ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-obbligi elenkati fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2) tal-Proposta. Fl-interess taċ-ċertezza legali, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi indikat b'mod ċar liema entità/entitajiet għandhom ikunu responsabbli għal kull wieħed mill-obbligi elenkati.

48. L-EDPB u l-EDPS jinnutaw li **l-limitazzjoni fuq iż-żamma ta' rekords** dwar l-aċċess tan-negozju għad-*data* skont l-**Artikolu 4(2)** u dwar l-aċċess ta' partijiet terzi għad-*data* skont l-**Artikolu 5(3)** tal-Proposta ma għandhiex tiġi interpretata bħala li taffettwa b'mod negattiv l-obbligi tal-GDPR dwar is-sigurtà tad-*data* personali u dwar l-akkontabilità. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jispeċifikaw b'mod ċar dan l-aspett importanti.
49. L-EDPB u l-EDPS jinnutaw ukoll li, skont l-**Artikolu 5(9)**³⁷ tal-Proposta, id-dritt tal-utent li jikkondividi *data* ma' partijiet terzi "ma għandux jaffettwa d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn". F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw il-meħtieġa li jiġu ċċarati l-kamp ta' applikazzjoni u t-tifsira ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-dritt tas-suġġetti tad-*data* skont l-Artikolu 20 tal-GDPR li l-Proposta għandha l-għan li tikkomplementa, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fi Premessa ssir referenza għall-kriterji għall-**ibbilanċjar** tad-dritt għall-portabbiltà **mat-tfassil dwar il-protezzjoni tad-*data* relatat ma' persuni oħra** stabbiliti fil-linji gwida tal-EDPB dwar il-portabbiltà tad-*data*³⁸.
50. **L-Artikolu 6** tal-Proposta jispeċifika li partijiet terzi għandhom jipproċessaw *data* li titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom skont l-Artikolu 5 biss għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet miftiehma mal-utent, u soġġett għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali, u għandhom iħassru d-*data* meta din ma tibqax meħtieġa għall-iskop miftiehem. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2)(b) jipprevedi li l-parti terza ma għandhiex tuża *data* għat-tfassil ta' profili tas-suġġetti tad-*data*, sakemm ma jkunx meħtieġ li jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent. Wara li kkunsidraw ix-xenarju li l-utent ikun entità oħra għajr is-suġġett tad-*data*, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li huwa importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe pproċessar ulterjuri ta' *data* personali jikkonforma mal-**Artikolu 6(4) tal-GDPR u, b'kunsiderazzjoni speċifika tax-xenarju tat-tfassil ta' profili, mal-obbligi rilevanti previsti skont l-Artikolu 22 tal-GDPR, fejn applikabbli**. F'każ ta' pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali (eż. bħal *data* dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali), il-kunsens espliċitu mis-suġġett tad-*data* fil-prinċipju se jkun meħtieġ, sakemm ma tkunx tista' tiġi invokata eċċezzjoni oħra għall-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 9 tal-GDPR. Fejn japplika l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, id-*data* għandha tiġi pproċessata biss bil-kunsens tal-abbonat jew l-utent, sakemm ma jkunx strettament meħtieġ sabiex jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni espliċitament mitlub mill-abbonat jew l-utent.³⁹
51. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, u biex tiġi evitata interpretazzjoni possibbli li skontra r-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest tal-obbligi ta' pproċessar ta' *data* personali minn partijiet terzi skont l-Artikolu 6(1) tal-Proposta huma biss dawk li jirreferu għad-drittijiet tas-suġġetti

³⁷ L-Artikolu 4 tal-Proposta għandu jkun fih dispożizzjoni simili fir-rigward tal-Artikolu 4(1).

³⁸ Ara l-Linji Gwida tal-WP29 (approvati mill-EDPB) dwar id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*, fil-paġni 11-12.

³⁹ Ara wkoll il-linji gwida tal-EDPB dwar l-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest ta' vetturi konnessi u applikazzjonijiet relatati mal-mobbiltà, Verżjoni 2.0, adottati fid-9 ta' Marzu 2021, paragrafu 15.

tad-*data* (Kapitolu III tal-GDPR), kif irrakkomandat ukoll fil-paragrafi 43 u 45 tal-Opinjoni, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-formulazzjoni fil-Artikolu 6(1) li tirreferi għall-GDPR “u soġġetti għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali”, tiġi sostitwita b’dan li ġej: “u fejn il-kundizzjonijiet u r-regoli kollha pprovduti mil-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* huma rispettati, b’mod partikolari meta jkun hemm bażi ġuridika valida skont l-Artikolu 6 u fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-GDPR u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jiġu ssodisfati u soġġetti għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* sa fejn tkun ikkonċernata d-*data* personali.”

52. Fir-rigward tal-Artikolu 6(2)(a), l-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-projbizzjoni li l-parti terza tisforza, tqarraq jew timmanipula l-utent bi kwalunkwe mod.⁴⁰ L-EDPB u l-EDPS jilqgħu wkoll ir-referenza għall-hekk imsejja “dark patterns” fil-Premessa 34 tal-Proposta. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-fatturi li jistgħu jaffettwaw it-teħid tad-deċizzjonijiet jistgħu jkunu differenti skont jekk l-utent ikunx ukoll is-suġġett tad-*data*. **Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li ssir espliċita li l-Artikolu 6(2)(a) tal-Proposta jipprojbixxi kwalunkwe forma ta’ sfurzar, qerq, jew manipulazzjoni tas-suġġetti tad-*data*** (irrispettivament minn jekk l-utent huwiex ukoll is-suġġett tad-*data*).
53. Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw fir-rigward tal-Artikolu 6(2)(b) tal-Proposta: il-parti terza ma għandhiex titħalla tuża d-*data* li tirċievi għat-tfassil ta’ profili ta’ persuni fiżiċi sakemm ma jkunx meħtieġ li jiġi pprovdut is-servizz mitlub mis-suġġett tad-*data*. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li “is-servizz” li għandu jiġi pprovdut mill-parti terza kif mitlub mill-utent (li jista’ jkun entità oħra għajr is-suġġett tad-*data*) mhuwiex definit fil-Proposta. Huwa għalhekk possibbli li tali “servizzi” jistgħu jinvolvu interferenza serja fid-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi jew inkella jkollhom impatt sinifikattiv fuq il-persuni kkonċernati.
54. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fil-proposta jiġu inklużi limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet ċari fuq l-użu ta’ *data* personali ġġenerata mill-użu ta’ prodott jew servizz minn kwalunkwe entità għajr is-suġġett tad-*data* (jew bħala “utent”, “detentur tad-*data*” jew “parti terza”), b’mod partikolari fejn id-*data* inkwistjoni x’aktarx li tippermetti konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tagħhom jew inkella tinvolvi riskji kbar għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi kkonċernati.
55. B’mod partikolari, l-EDPS u l-EDPB jirrakkomandaw li jiġu introdotti limitazzjonijiet rigward l-użu ta’ *data* personali ġġenerata mill-użu ta’ prodott jew servizzi relatati għall-finijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni jew reklamar dirett, monitoraġġ tal-impjegati, sistema ta’ evalwazzjoni ta’ kreditu jew biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà għall-assigurazzjoni tas-saħħa, biex jiġu kkalkulati jew modifikati l-primjums tal-assigurazzjoni. Din ir-rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitazzjoni oħra li tista’ tkun xierqa, pereżempju għall-protezzjoni ta’ persuni vulnerabbli, b’mod partikolari minorenni, jew minħabba n-natura partikolarment sensittiva ta’ ċerti kategoriji ta’ *data* (eż. *data* dwar l-użu ta’ apparat mediku) u l-protezzjonijiet offriti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.
56. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS ifakkru bħala prinċipju ġenerali li anki parti terza bħala kontrollur hija soġġetta għall-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* u li għandhom jintużaw tekniki ta’

⁴⁰ Kif speċifikat mill-Premessa 34, b’referenza għall-hekk imsejja “dark patterns”.

anonimizzazzjoni kull meta jkun possibbli. Il-konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* hija partikolarment importanti fil-każ ta' *data* li kapaċi tiżvela aspetti intimi tal-ħajja privata ta' individwu⁴¹.

3.6 Obbligi għad-detenturi tad-*data* legalment obbligati li jagħmlu d-*data* disponibbli u t-termini relatati mal-aċċess tad-*data* u l-użu bejn l-intrapriżi (il-Kapitolu III u IV tal-Proposta)

57. Il-Kapitolu III jindirizza l-kundizzjonijiet, inkluż il-kumpens, li skonthom id-*data* għandha tkun disponibbli meta detentur tad-*data* jkun obligat li jagħmel id-*data* disponibbli għal riċevitur tad-*data* bħal fil-Kapitolu II jew fid-dritt ieħor tal-Unjoni jew f'leġiżlazzjoni ta' Stat Membru.
58. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8 tal-Proposta ma jipprevedi l-ebda rwol għal, jew referenza għas-suġġett tad-*data*, peress li t-termini u l-kundizzjonijiet għall-kondiviżjoni tad-*data* għandhom jiġu ddeterminati fi ftehim bejn id-detentur tad-*data* u r-riċevitur tad-*data*. Fil-fatt, f'każijiet fejn l-utent ikun entità għajr is-suġġett tad-*data*, dan tal-aħħar ma jkunx parti mill-kuntratt skont il-Proposta. Dan jirriskja li jikkomprometti serjament l-effettività tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data*. Riskji ulterjuri f'dan il-kuntest jistgħu jirriżultaw minn servizzi ta' intermedjazzjoni u senserija tad-*data*, li jistgħu jirrelataw *data* li oriġinarjament tista' titqies mhux personali ma' suġġetti tad-*data* speċifiċi.⁴²
59. Fi kwalunkwe każ, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali stabbilit fl-Artikolu 16(1) tat-TFUE u fl-Artikolu 8 tal-Karta, bħala dritt relatat ma' kull persuna fiżika, huwa inaljenabbli u ma jista' jiġi rrinunzjat bl-ebda ftehim bejn id-detentur tad-*data* u r-riċevitur tad-*data*⁴³.
60. Skont l-Artikolu 8(3) tal-Proposta, id-detentur tad-*data* ma għandux jiddiskrimina bejn "kategoriji komparabbli ta' riċevituri tad-*data*" u, skont l-Artikolu 8(4) tal-Proposta, id-detentur tad-*data* ma jistax jagħmel id-*data* disponibbli għal riċevitur tad-*data* fuq bażi esklużiva. Madankollu, dawn l-obbligi ma għandhomx jimminaw id-dritt tal-awtodeterminazzjoni informattiva tas-suġġetti tad-*data* li skonthom huma intitolati li jiddiskriminaw fost ir-riċevituri tad-*data* personali tagħhom (b'mod partikolari, meta jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ipproċessar, pereżempju f'każ li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jkunu applikabbli jew l-ipproċessar jiddependi fuq il-kunsens skont l-Artikolu 6 tal-GDPR). Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jappellaw għal formulazzjoni li ttejjeb b'mod effettiv il-konformità tad-detenturi tad-*data* u tar-riċevituri tad-*data* mal-GDPR. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-kjarifika pprovduta fil-Premessa 41 li skontha dawn l-obbligi huma mingħajr preġudizzju għall-GDPR hija inkluża fit-test innifsu tal-Artikolu 8.
61. Skont l-Artikolu 9 tal-Proposta, kwalunkwe kumpens meħtieġ mid-detentur tad-*data* lil partijiet terzi għandu jkun raġonevoli, u għall-SMEs ma jistax jaqbeż l-ispejjeż imġarrba biex id-*data* ssir disponibbli, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġiżlazzjonijiet settorjali.

⁴¹ Ara d-dikjarazzjoni tal-EDPB dwar il-Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali u l-Istrateġija dwar id-*Data*, adottata fit-18 ta' Novembru 2021, li tenfasizza "l-importanza tal-obbligu tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod prestabbilit, li huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest ta' "prodotti konnessi" (eż. l-Internet tal-Oġġetti u l-Internet tal-Iġsma), minħabba r-riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni kkonċernati."

⁴² Aktar ma *data* mhux personali tiġi kkombinata ma' informazzjoni oħra disponibbli, aktar jiżdied ir-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid għas-suġġetti tad-*data*. Ara l-Opinjoni Konġunta 03/2021 tal-EDPB-EDPS dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza tad-*data* Ewropea (l-Att dwar il-Governanza tad-*Data*), paġna 16.

⁴³ Ara d-Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar il-Pakkett tas-Servizzi Diġitali u l-Istrateġija tad-*Data* adottata fit-18 ta' Novembru 2021, paġna 6.

62. Fir-rigward tal-Artikolu 9 tal-Proposta dwar il-kumpens għad-disponibbiltà tad-*data*, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw bil-qawwa li titneħħa kwalunkwe ambigwità dwar it-tranżazzjonijiet monetarji li jakkumpanjaw il-kondiviżjoni ta' *data* personali. Skont il-Premessa 42 tal-proposta, id-dritt li jintalab kumpens biex id-*data* issir disponibbli għal partijiet terzi *"ma għandux jinftiehem bħala li qed iħallsu għad-*data* nnifisha iżda fil-każ ta' intrapriżi mikro, żgħar jew medji, għall-kostijiet imġarrba u għall-investiment meħtieġ biex id-*data* ssir disponibbli"*. Din id-dikjarazzjoni, madankollu, moqrija flimkien mal-Premessa 46 tidher li timplika li, għall-kuntrarju, fil-każ ta' kondiviżjoni ta' *data* bejn kumpaniji kbar, jew meta d-detentur tad-*data* jkun impriża żgħira jew medja u r-riċevitur tad-*data* jkun kumpanija kbira, id-dritt għad-detentur tad-*data* li jstabbilixxi *"kumpens raġonevoli"* li għandu jintlaħaq minn partijiet terzi, jista' jitqies bħala inċentiv biex id-*data* personali tiġi monetizzata.
63. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS itennu li l-protezzjoni tad-*data* hija dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 8 tal-Karta u d-*data* personali ma tistax titqies bħala komodità kummerċjabbli.
64. F'każijiet fejn il-partijiet ma jaqblux dwar it-termini u l-kundizzjonijiet biex id-*data* ssir disponibbli, il-Proposta tipprevedi modi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim li jista' jinqala' bejn id-detenturi tad-*data* u r-riċevituri tad-*data*. Skont l-Artikolu 10 tal-Proposta, dawn il-partijiet jistgħu jfittxu l-assistenza ta' korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim iċċertifikati mill-Istati Membri. Madankollu, meta d-*data* personali issir disponibbli għal partijiet terzi fuq talba tal-utenti **li mhumiex is-suġġetti tad-*data***, dawn tal-aħħar ikunu kompletament esklużi mill-parteeċipazzjoni fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim dwar il-kondiviżjoni tad-*data* personali tagħhom bejn id-detentur tad-*data* u r-riċevitur tad-*data*. Barra minn hekk, minħabba l-interazzjonijiet kumplessi u l-koinċidenzi bejn id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont il-GDPR u d-drittijiet u l-obbligu stabbiliti mill-Proposta, għandu jitqies li d-deċiżjoni tal-partijiet li jissottomettu tilwima lil korp għas-soluzzjoni tat-tilwim tista' tinterferixxi mad-dritt tas-suġġett tad-*data* li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja.
65. B'mod aktar ġenerali, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw bil-qawwa li jiddikjaraw b'mod ċar li s-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 10 ma għandhiex tinterferixxi mad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u l-obbligi tal-proċessur tal-kontrolluri stabbiliti skont il-GDPR. Barra minn hekk, il-paragrafi 5 u 9 tal-Artikolu 10 għandhom jiġu emendati sabiex iqisu li s-suġġetti tad-*data* ma għandhomx jinżammu mid-dritt tagħhom li jfittxu rimedju quddiem awtorità superviżorja.
66. Il-Proposta tinkoraġġixxi wkoll l-applikazzjoni mid-detentur tad-*data* ta' miżuri ta' protezzjoni teknika xierqa, inkluż kuntratti intelliġenti, biex jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat għad-*data* u biex tiġi żgurata l-konformità mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-proposta kif ukoll mat-termini kuntrattwali miftiehma biex id-*data* ssir disponibbli (l-Artikolu 11). F'dan ir-rigward, għandu jiġi ċċarat kif il-kuntratti intelliġenti jistgħu jikkostitwixxu l-mezz biex id-detenturi tad-*data* u r-riċevituri tad-*data* jingħataw garanziji adegwati li d-*data* trażmessa ma tkunx tista' tiġi żvelata jew aċċessata b'mod mhux awtorizzat u li t-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma għall-kondiviżjoni ta' din id-*data* jiġu ssodisfati. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-Artikolu 32 tal-GDPR, l-EDPS u l-EDPB jissottolinjaw li sal-punt li tkun involuta d-*data* personali, il-paragrafu 1 tal-Artikolu 11 irid jinkludi referenza għall-obbligu li jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jiġi żgurat livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju tal-ipproċessar tad-*data* personali.
67. Fir-rigward tal-Artikolu 11(2), l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ddikjarat b'mod ċar li, sa fejn jikkonċerna *data* personali, l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-*data* biex jikkondividi *data* ma tistax tissostitwixxi r-rekwiżit ta' bażi ġuridika xierqa skont il-GDPR jew inkella tispeċifika li din l-awtorizzazzjoni tapplika f'każ ta' pproċessar ta' *data* mhux personali. Barra minn hekk, l-istess

paragrafu għandu jiġi emendat sabiex jiġi stabbilit li kwalunkwe struzzjoni mid-detentur tad-*data* jew l-utent (li mhux neċessarjament is-suġġett tad-*data*) biex jeqred id-*data* li saret disponibbli għar-riċevituri tad-*data* u kwalunkwe kopja tagħha ma trid tkun ta' preġudizzju għad-dritt tas-suġġett tad-*data* għar-restrizzjoni tal-ipproċessar skont l-Artikolu 18 tal-GDPR.

68. Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet previsti mill-paragrafu 3 tal-Artikolu 11, il-Proposta għandha tiċċara kif u minn min jistgħu jiġu ġġudikati bħala applikabbli s-sitwazzjonijiet deskritti fl-ittra a) u b). Barra minn hekk, dawn l-eċċezzjonijiet iridu jqisu mhux biss il-ħsara lid-detentur tad-*data* u l-interessi tiegħu, iżda wkoll u primarjament il-ħsara lis-suġġetti tad-*data* kif ukoll id-drittijiet u l-interessi tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tagħhom għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fl-Artikolu 11 jiżdied paragrafu ġdid li jiddikjara b'mod espliċitu li l-paragrafu 2(b) għandu japplika f'każ ta' ħsara possibbli lis-suġġetti tad-*data* jew preġudizzju għad-drittijiet u l-interessi tagħhom.
69. Fl-aħħar nett, ir-referenza fl-Artikolu 12(1) għall-obbligu tad-detentur tad-*data*, skont l-Artikolu 5 tal-Proposta, biex id-*data* ssir disponibbli fuq talba ta' utent, tissuġġerixxi li sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali, u minkejja dak li ntqal fil-Premessa 24 meta l-utent ikun entità oħra għajr is-suġġett tad-*data*⁴⁴, il-Proposta tista' tiġi interpretata bħala li toħloq bażi ġuridika skont l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR għall-kondiviżjoni ta' *data* personali. Għalhekk, salvagwardji xierqa, speċifiċi u effettivi għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi tas-suġġetti tad-*data* sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali għandhom jiżdiedu speċjalment fejn l-utent ma jkunx is-suġġett tad-*data*. Konsegwentement, minħabba l-interazzjonijiet kumplessi u l-koinċidenzi bejn id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont il-GDPR u d-drittijiet u l-obbligu stabbiliti mill-Proposta, l-Artikolu 12(2) tal-proposta għandu jiġi emendat sabiex jispeċifika li kwalunkwe terminu kuntrattwali fi ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-*data* bejn id-detenturi tad-*data* u r-riċevituri tad-*data* li, għad-detriment tas-suġġetti tad-*data*, jimmina l-applikazzjoni tad-drittijiet tagħhom għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, jidderoga minnu, jew ivarja l-effett tiegħu, ma għandux ikun vinkolanti fuq dik il-parti.
70. Fil-Kapitolu IV, l-Artikolu 13 tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li l-Proposta tiddikjara li *“terminu kuntrattwali huwa inġust jekk ikun ta' tali natura li l-użu tiegħu jiddevja b'mod kbir minn prattika kummerċjali tajba fl-aċċess u l-użu tad-*data*, għall-kuntrarju ta' negozjar bona fide u ġust.”* B'mod simili għal dak li jissemma hawn fuq, fir-rigward tal-konsistenza tad-definizzjonijiet mal-GDPR, din id-dispożizzjoni mhijiex ċara biżżejjed minħabba l-fatt li l-kunċett ta' *data* personali jew *data* mhux personali jew settijiet ta' *data* m'hallta mhuwiex ċar fit-test kollu.
71. L-aċċess u l-użu tad-*data* jikkostitwixxu pproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 4(2) tal-GDPR. Għalhekk, meta d-*data* personali tkun involuta fl-ipproċessar, għandhom japplikaw l-obbligi tal-GDPR għall-kontrolluri u l-proċessuri. L-istess japplika għall-każijiet fejn ikunu involuti settijiet ta' *data* m'hallta (jiġifieri kemm *data* personali kif ukoll *data* mhux personali).

⁴⁴ Il-Premessa 5 tal-Proposta meta tiddikjara li dan tal-aħħar “ma jiġix interpretat bħala li jirrikonoxxi jew li joħloq xi bażi ġuridika għad-detentur tad-*data* biex iżomm, ikollu aċċess għall-ipproċessar ta' *data* (personali)...” tidher li qiegħda f'kontrazzjoni mal-Artikolu 5 tal-Proposta li tistabbilixxi l-obbligu tad-detentur tad-*data* li jagħmel id-*data* disponibbli fuq talba tal-utent, peress li skont id-definizzjoni skont l-Artikolu 4(2) tal-GDPR, l-“ipproċessar” ta' *data* personali jinkludi kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet imwettqa fuq *data* personali jew fuq settijiet ta' *data* personali, inkluż “żvelar permezz ta' trażmissjoni, tixrid jew b'xi mod ieħor tqegħid għad-dispożizzjoni...” .. Madankollu, jekk il-Premessa 5 tikkonċerna l-ipproċessar tad-*data* mid-detentur tad-*data* għall-finijiet tiegħu stess, dan għandu jiġi ċċarat.

72. Għal dan il-għan, l-EDPB u l-EDPS iħeġġu lill-koleġiżlatur biex fil-Proposta jiċċara r-rekwiżiti u l-obbligi rilevanti tal-kontrolluri u l-proċessuri fejn tiġi pproċessata d-*data* personali, bil-mod speċifikat f' din l-Opinjoni.⁴⁵

3.7 L-aċċess għad-*data* u l-użu tagħha mill-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-Aġenziji jew il-Korpi tal-Unjoni (Kapitolu V)

73. Fir-rigward tad-“disponibbiltà tad-*data*” għall-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni (“korpi tas-settur pubbliku”) abbażi ta’ “*ħtieġa eċċezzjonali*” (il-Kapitolu V tal-Proposta), l-EDPB u l-EDPS għandhom tħassib serju dwar **il-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità** tal-obbligu li d-*data* ssir disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni.
74. L-Artikolu 14 tal-Proposta jipprevedi li, fuq talba, detentur tad-*data* (eċċezzjoni magħmula għall-SMEs) għandu jagħmel id-*data* disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni **li juri ħtieġa eċċezzjonali li tintuża d-*data* mitluba**. Il-Proposta ma tirreferix għal miżuri leġislattivi li għandhom jiġu adottati biex jipprovdu l-bażi ġuridika għal dan l-obbligu. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 1(2)(d) tal-Proposta jirreferi għal kompitu mwettaq fl-interess pubbliku.⁴⁶ Bl-istess mod, l-Artikolu 15(c) tal-Proposta jirreferi għal kompitu mwettaq fl-interess pubbliku “*li jkun ġie pprovdut b’mod espliċitu mil-liġi*”. Dan jissuġġerixxi li l-Proposta tipprevedi l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR bħala bażi legali għall-ipproċessar imwettaq mill-korp rilevanti tas-settur pubbliku, l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li la l-kompiti rilevanti ta’ interess pubbliku, u lanqas il-korpi tas-settur pubbliku, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni li ngħataw il-kompitu ta’ dawn il-missjonijiet ta’ interess pubbliku ma ġew identifikati b’mod ċar mill-Proposta. Minflok, il-Proposta tistabbilixxi għadd ta’ kundizzjonijiet li jagħtu lok għal obbligu legali għad-detentur tad-*data* li jipprovdi *data* personali.
75. L-Artikolu 17(1)(d) tal-Proposta jipprevedi li, meta tintalab *data* skont l-Artikolu 14(1), il-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni għandhom jiddikjaraw fit-talba **l-bażi ġuridika għat-talba għad-*data***. Fl-interess taċ-ċertezza legali, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Artikolu 17(1)(d) għandu jispeċifika li t-talba għandha tindika b’mod ċar id-dispożizzjoni legali li tassinja b’mod espliċitu l-kompitu ta’ interess pubbliku lill-korp tas-settur pubbliku, lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp tal-Unjoni li jagħmel it-talba.
76. L-Artikolu 15 tal-Proposta jispeċifika tliet xenarji alternattivi possibbli fejn il-ħtieġa eċċezzjonali li tintuża d-*data* titqies li teżisti. Fir-rigward tal-każijiet (a) u (b) tal-Artikolu 15 tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS iqisu li r-rekwiżit “*pprovdut b’mod espliċitu mil-liġi*” għandu jiġi inkluż b’mod espliċitu, peress li kwalunkwe limitazzjoni fuq id-dritt għad-*data* personali trid tiġi “*ipprovduta mil-liġi*” (l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza konsolidata tal-QĠUE).
77. Il-limitazzjonijiet iridu jkun bbażati fuq bażi ġuridika li tkun **aċċessibbli u prevedibbli** b’mod adegwat u fformulata bi preċiżjoni **suffiċjenti biex l-individwi jkun jistgħu jiffmu l-kamp ta’ applikazzjoni tagħha**. F’konformità mal-prinċipji ta’ neċessità u proporzjonalità, il-bażi ġuridika għandha tiddefinixxi wkoll **il-kamp ta’ applikazzjoni u l-mod** tal-eżerċizzju tas-setgħa mill-awtoritajiet kompetenti u tkun

⁴⁵ Ara b’mod partikolari l-punti 39 u 67 ta’ din l-Opinjoni. Ara wkoll il-punti 43, 45, 46 u 51 ta’ din l-Opinjoni.

⁴⁶ Ara wkoll il-premessa (5) tal-Proposta.

akkompanjata minn **salvagwardji suffiċjenti** biex jipproteġu lill-individwi kontra interferenza arbitrarja⁴⁷.

78. F'dan l-isfond, l-EDPB u l-EDPS josservaw fl-ewwel lok li **ċ-ċirkostanzi** li jiġġustifikaw l-aċċess mhumie x speċifikati b'mod strett. Il-Proposta tirreferi għal **"hteġa eċċezzjonali"**, li tiġġustifika t-talba ta' *data*, relatata ma' **"emerġenza pubblika"** (li hija definita b'mod wiesa'⁴⁸). L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Premessa 57 tispeċifika li l-eżistenza ta' emerġenza pubblika hija ddeterminata skont il-proċeduri rispettivi fl-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li din l-ispeċifikazzjoni importanti tiġi inkluża fil-parti operattiva tal-Proposta. Barra minn hekk, l-EDPS u l-EDPB iqisu **li huwa meħtieġ li l-leġiżlatur jiddefinixxi b'mod ħafna aktar strett l-ipoteżijiet ta' emerġenza jew ta' hteġa eċċezzjonali**. Id-definizzjoni ta' "emerġenza pubblika" li tinsab fl-Artikolu 2(10) tal-Proposta għandha għalhekk tiġi emendata biex tiddelinja b'mod aktar ċar it-tipi ta' sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emerġenza pubblika.
79. Ix-xenarju skont l-ittra (c) tal-Artikolu 15 tal-Proposta fil-fatt qed jippreżenta żewġ każijiet ta' użu differenti ħafna: l-ewwel wieħed li fih jingħata aċċess għad-*data* biex jiġi ssodisfat interess pubbliku; it-tieni wieħed li fih jingħata aċċess għad-*data* biex jitnaqqas il-piż amministrattiv. Fir-rigward tal-ewwel każ ta' użu, ir-riferiment għan-nuqqas ta' *data* disponibbli jipprevjeni lill-korp tas-settur pubbliku milli jwettaq kompitu speċifiku fl-interess pubbliku huwa **partikolarment problematiku** meta jitqies ir-rekwiżit ta' "kwalità tal-liġi" (inkluż il-prevedibbiltà) li jipprevedi interferenzi mad-drittijiet fundamentali. Fir-rigward tat-tieni każ ta' użu, **is-sempliċi tnaqqis tal-piż amministrattiv bilkemm jista' jissupera l-impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni kkonċernati**. Fl-istess ħin, ma jissodisfax ir-rekwiżit tan-neċessità tal-interferenza fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw b'mod partikolari delimitazzjoni aktar espliċita ta' ċirkostanzi li fihom tista' ssir it-talba.
80. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li **l-kategoriji ta' data personali** li għandhom jiġu aċċessati mill-korpi tas-settur pubbliku mhumie x speċifikati biżżejjed⁴⁹. Madankollu, l-obbligu li tiġi pprovduta *data* jista' jestendi għad-*data* personali minn apparati li jiffurmaw l-IoT⁵⁰ u l-IoB. Tali informazzjoni tista' tikkonċerna kategoriji speċjali ta' *data* personali u *data* sensittiva oħra bħall-post li jippermetti li jsiru inferenzi intimi dwar il-ħajja tas-suġġett tad-*data*.
81. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw ukoll li s-**salvagwardji għas-suġġetti tad-*data*** mhumie x spjegati b'mod adegwat fil-Proposta. B'mod partikolari, l-Artikolu 17(2)(c) tal-Proposta (li jikkonċerna **l-kontenut tat-talbiet** għal *data* mill-awtorità pubblika) jirreferi għar-rispett għall-għanijiet leġittimi tad-detentur tad-*data*, iżda mhux għar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet *tas-suġġetti tad-*data**. Skont l-Artikolu 19(1)(b) tal-Proposta, il-korp tas-settur pubbliku *li jkun irċieva d-*data** għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi li jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-libertajiet *tas-suġġetti tad-*data**. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li l-miżuri msemmija qabel għandhom jittieħdu l-ewwel u qabel kollox *fil-mument tal-ġbir tad-*data**, minflok wara t-trażmissjoni tad-*data*.

⁴⁷ Ara, fost l-oħrajn, il-QĠUE, C-175/20, "SS" SIA v. *Valsts ieņēmumu dienests*, ECLI:EU:C:2022:124, para. 83.

⁴⁸ L-Artikolu 2(10) jiddefinixxi "emerġenza pubblika" bħala "*sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod negattiv il-popolazzjoni tal-Unjoni, ta' Stat Membru jew ta' parti minnu, b'riskju ta' riperkussjonijiet serji u dejjiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien jew fuq l-istabbiltà ekonomika, jew id-degradazzjoni sostanzjali tal-assi ekonomiċi fl-Unjoni jew fl-Istat(i) Membru/i rilevanti*".

⁴⁹ Il-premessa 56 tirreferi għal "*data* miżmuma minn intrapriża".

⁵⁰ Premessa 14.

82. L-Artikolu 17(2)(d) tal-Proposta jispeċifika li t-talba għandha tikkonċerna, sa fejn ikun possibbli, *data mhux personali*. Din is-salvagwardja hija akkumpanjata mid-dispożizzjoni skont l-Artikolu 18(5), li skontha meta l-konformità mat-talba tkun teħtieġ id-divulgazzjoni ta' *data* personali, id-detentur tad-*data* għandu jagħmel sforzi raġonevoli biex jippsewdonimizza d-*data*, dment li t-talba tkun tista' tiġi ssodisfata b' *data* psewdonimizzata. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Artikolu 18(5) għandu jiġi emendat sabiex id-detentur tad-*data* jkun meħtieġ jippsewdonimizza d-*data*, mhux biss "biex jagħmel sforzi raġonevoli". Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS isejġu lill-koleġiżlatur biex iħassar ir-referenza għal "biex jagħmel sforzi raġonevoli" peress li din ir-referenza tidher li tillimita l-obbligu tad-detentur tad-*data* u tfakkar dan il-psewdonimizzazzjoni ttaffi r-riskji għas-suġġetti tad-*data* billi tnaqqas l-ammont ta' *data* personali pproċessata u l-impatt ta' ksur eventwali tad-*data*. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw lill-koleġiżlatur biex iqis li jista' jkun meħtieġ li jiġu implimentati salvagwardji xierqa oħra skont il-GDPR mid-detentur tad-*data*, b'mod partikolari miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati li jiżguraw il-minimizzazzjoni, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-*data* personali.
83. B'mod aktar ġenerali, l-EDPB u l-EDPS josservaw li l-korp tas-settur pubbliku jgawdi minn **diskrezzjoni wiesgħa** meta jitlob *data* skont il-Proposta, peress li hija t-talba tiegħu (u mhux il-Proposta nnifisha) li tispeċifika fost l-oħrajn: liema *data* hija meħtieġa (l-Artikolu 17(1)(a)); Il-*"ħtieġa eċċezzjonali"* (ittra (b)), li fil-każ ta' emerġenza pubblika biss tiġi ddeterminata skont proċeduri stabbiliti; l-iskop tat-talba, kif ukoll l-użu maħsub u t-tul ta' żmien *"tal-użu"* (ittra c)).
84. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta għandha tiddefinixxi b'mod aktar **ċar il-kamp ta' applikazzjoni u l-mod tal-eżerċizzju tas-setgħa mill-korp tas-settur pubbliku** biex jipproteġi lill-individwi minn interferenza arbitrara⁵¹. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li, skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE⁵², il-leġiżlazzjoni li tipprovdi l-bażi ġuridika għall-miżuri inkwistjoni trid tistabbilixxi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw **il-kamp ta' applikazzjoni u l-applikazzjoni** tal-miżura inkwistjoni u timponi **salvagwardji minimi**, sabiex il-persuni li d-*data* personali tagħhom tkun affettwata jkollhom **garanzji suffiċjenti** li d-*data* tkun protetta b'mod effettiv kontra r-riskju ta' abbuż. Dik il-leġiżlazzjoni għandha tindika f'liema ċirkostanzi u taħt liema kundizzjonijiet tista' tittieħed miżura li tipprevedi l-ipproċessar ta' tali *data*, u b'hekk jiġi ggarantit li l-interferenza tkun limitata għal dik li hija strettament meħtieġa. Il-*ħtieġa* għal dawn is-salvagwardji hija akbar meta l-protezzjoni tal-kategoriji speċjali ta' *data* personali tkun fil-periklu.
85. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li skont l-Artikolu 17(3) tal-Proposta, il-korpi tas-settur pubbliku **ma għandhomx jagħmlu d-*data* disponibbli għall-użu mill-ġdid skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1024**. Madankollu, l-Artikolu 17(4), jippermetti l-iskambju ta' *data* bejn il-korpi tas-settur pubbliku fit-tweġiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 15 jew il-kondiviżjoni ta' *data* ma' partijiet terzi f'każijiet ta' esternalizzazzjoni ta' *"spezzjonijiet tekniċi jew funzjonijiet oħra"* minn korpi tas-settur pubbliku. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-Artikolu 15, il-limitazzjoni fuq l-użu mill-ġdid tad-*data*, inkluż id-*data* personali, mhijiex definita b'mod ristrett biżżejjed. Barra minn hekk, il-Premessa 65 tal-Proposta tispeċifika li *"Id-*data* magħmula disponibbli għall-korpi tas-settur pubbliku"*

⁵¹ Ara f'dan ir-rigward, il-Linji Gwida tal-EDPS dwar il-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-miżuri li jllimitaw id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* personali, 19 ta' Diċembru 2019, li jirreferu fost l-oħrajn għas-salvagwardji li ġejjin: in-notifika lill-persuna affettwata; id-dispożizzjoni tad-*data* li għandha tinżamm fl-Unjoni Ewropea; id-dispożizzjoni għall-qerda irrversibbli tad-*data* fi tmiem il-perjodu ta' żamma. Ara wkoll il-QĠUE, C-175/20, *"SS" SIA v. Valsts ieņēmumu dienests*, ECLI:EU:C:2022:124, para. 64, iżda wkoll il-para. 83 u 84.

⁵² Ara l-QĠUE, C-623/17, *Privacy International v Secretary of State for Foreign and Commonwealth Affairs*, ECLI:EU:C:2020:790, il-paragrafu 68.

u għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji u għall-korpi tal-Unjoni abbażi ta' ħtieġa eċċezzjonali jenħtieġ li tintuża biss għall-fini li għalih tkun intalbet, sakemm id-detentur tad-data li jkun għamel id-data disponibbli ma jkunx qabel b'mod espliċitu biex id-data tintuża għal skopijiet oħra." L-EDPB u I-EDPS ifakkru li sa fejn it-talba tikkonċerna *data* personali, kwalunkwe pproċessar għal skop ieħor għajr dak li għalih inġabret id-data personali jkun irregolat mill-Artikolu 6(4) tal-GDPR u/jew mill-Artikolu 6 tal-EUDPR, minkejja kwalunkwe espressjoni ta' ftehim mid-detentur tad-data. Għalhekk, I-EDPB u I-EDPS jirrakkomandaw li d-dispożizzjonijiet imsemmija jiġu emendati skont dan.

86. **L-Artikolu 21** tal-Proposta jippermetti trażmissjoni ulterjuri tad-data mill-korpi tas-settur pubbliku **lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi bil-ħsieb li titwettagħ riċerka relatata mal-iskop li għalih intalbet id-data**. L-EDPB u I-EDPS ifakkru fil-ħtieġa ta' **salvagwardji xierqa**, b'kont meħud tan-natura potenzjalment sensittiva tad-data inkwistjoni, f'konformità mal-Artikolu 89 tal-GDPR u l-Artikolu 13 tal-EUDPR.
87. L-EDPB u I-EDPS ifakkru wkoll, kif indikat fid-Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar il-Pakkett tas-Servizzi Diġitali u l-Istrateġija tad-Data, li *"għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-salvagwardji għall-ipproċessar għall-finijiet ta' riċerka xjentifika, filwaqt li tiġi żgurata ġestjoni tad-data legali, responsabbli u etika, bħar-rekwiżiti ta' skrutinju għar-riċerkaturi li se jkollhom aċċess għal ammonti kbar ta' data personali potenzjalment sensittiva"*⁵³. L-EDPB u I-EDPS jirrakkomandaw l-integrazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti fil-Proposta.
88. Fir-rigward tal-Artikolu 18 tal-Proposta, I-EDPB u I-EDPS iqisu li r-referenza għal "leġislazzjoni settorjali" (li tiddefinixxi ħtiġijiet speċifiċi dwar id-disponibbiltà tad-data skont l-Artikolu 18(2)) għandha tiġi speċifikata. Kumment speċifiku jikkonċerna l-Artikolu 18(6), li jistabbilixxi l-kompetenza tal-awtorità msemmija fl-Artikolu 31 f'każ, fost l-oħrajn, ta' kontestazzjonijiet kontra l-eżekuzzjoni tat-talba. Peress li l-awtorità rikjudenti tista' tkun Istituzzjoni, aġenzija jew korpi tal-UE, l-Artikolu 31 għandu jinkludi l-EDPS u referenza għar-Regolament (UE) 2018/1725. F'din id-dispożizzjoni għandha tiġi inkluda wkoll referenza għan-notifika tat-talba lis-suġġett tad-data u għall-possibbiltà li s-suġġett tad-data (mhux biss għad-detentur tad-data) jikkontesta t-talba, kif ukoll għad-dritt tiegħu għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra t-talba.
89. Fir-rigward tal-Artikolu 19 tal-Proposta, I-EDPB u I-EDPS josservaw li d-definizzjoni wiesgħa tal-finijiet tnaqqas ukoll is-salvagwardja skont l-Artikolu 19(1)(a). Barra minn hekk, il-perjodu taż-żamma tad-data applikabbli skont l-iskop tal-ipproċessar tad-data għandu jiġi definit b'mod ċar mill-bidu nett.
90. L-Artikolu 16(2) tal-Proposta jispeċifika li "id-drittijiet minn dan il-Kapitolu *ma għandhomx jiġu eżerċitati* minn korpi tas-settur pubbliku *sabiex iwettqu* attivitajiet għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għall-individwazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, jew għall-amministrazzjoni doganali jew tat-tassazzjoni. Dan il-Kapitolu *ma jaffettwax* il-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali jew amministrattivi, jew għall-amministrazzjoni doganali jew tat-tassazzjoni." (enfasi miżjuda).
91. Bħala rimarka preliminari, I-EDPB u I-EDPS jinnotaw li d-dispożizzjoni fl-Artikolu 16(2) mhijiex allinjata mal-Artikolu 1(4), li jispeċifika li l-Proposta, fid-dispożizzjonijiet kollha tagħha, ma għandhiex taffettwa

⁵³ Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar il-Pakkett tas-Servizzi Diġitali u l-Istrateġija tad-Data, adottata fit-18 ta' Novembru 2021, paġna 7.

għadd ta' attivitajiet ta' pproċessar tad-*data* u ta' kompetenzi li huma parzjalment differenti minn dawk identifikati fl-Artikolu 16(2). Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Premessa 60 tal-Proposta diġà tikkonferma li l-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni għandhom *jibbażaw fuq is-setgħat tagħhom skont il-leġiżlazzjoni settorjali* għall-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom fl-oqsma tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali u amministrattivi, l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali u amministrattivi, kif ukoll il-ġbir ta' *data* għal finijiet ta' tassazzjoni jew doganali.

92. Minħabba n-natura speċifika u l-missjoni tal-korpi tas-settur pubbliku u tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni li jwettqu tali kompiti ta' interess pubbliku, madankollu, l-EDPB u l-EDPS iqisu li tali entitajiet għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu V bħala tali. Tabilħaqq, l-EDPB u l-EDPS iqisu li tali entitajiet għandhom ikunu jistgħu jobbligaw *biss* lid-detenturi tad-*data* jagħmlu d-*data* disponibbli f'konformità mas-setgħat ipprovduti esklużivament mil-leġiżlazzjoni settorjali. Barra minn hekk, b'mod partikolari fir-rigward tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw b'mod espliċitu l-identifikazzjoni ta' dawk l-entitajiet li jkunu jistgħu jitolbu *data* f'konformità mal-Kapitolu V, b'kont debitu meħud tal-kompetenzi tagħhom kif stabbiliti fl-atti fundaturi tagħhom, fit-termini ta' promulgazzjoni tal-Proposta.
93. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-hteġa li tiġi speċifikata b'mod suffiċjenti d-definizzjoni wiesgħa żżejjed ta' "emerġenza pubblika" fl-Artikolu 2(10) li tiġġustifika l-eżerċizzju tas-setgħa ta' aċċess għad-*data*.

3.8 Salvagwardji tad-*data* mhux personali f'kuntesti internazzjonali (Kapitolu VII tal-Proposta)

94. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu d-dispożizzjonijiet tal-Proposta relatati mal-aċċess għad-*data* li huma limitati biss għal *data* mhux personali u li jidhru li jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-GDPR. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li fis-sustanza l-Artikolu 27 jikkonċerna primarjament talbiet ta' aċċess aktar milli trasferimenti. Il-kunċett ta' "trasferiment" għandu tifsira speċifika skont il-GDPR li tinvolvi obbligi biex dawn jiġu inkwadri. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni fir-rigward ta' *data* mhux personali, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li jirreferu biss għall-aċċess u jneħħu l-kunċett ta' trasferiment minn dan l-Artikolu.
95. Barra minn hekk, kjarifika tkun utli fir-rigward tal-interazzjoni bejn l-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 27(2) u 27(3) tal-Proposta. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu d-dikjarazzjoni fl-Artikolu 27(1) li tkopri kwalunkwe riskju ta' aċċess governattiv għal *data* mhux personali li joħloq kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti. Madankollu, il-formulazzjoni finali tad-dispożizzjoni, "*mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 jew 3*" għandha tiġi riveduta biex tagħmilha ċara li anke jekk ma jkun hemm l-ebda talba, il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti fi kwalunkwe każ, jiġifieri irrISPettivament minn kwalunkwe talba għal aċċess għal *data* minn pajjiż terz. Fil-fatt, peress li l-informazzjoni dwar talba mhijiex dejjem disponibbli, huwa importanti li tiġi stabbilita l-miżura biex tiġi evitata tali possibbiltà ta' aċċess. L-EDPB u l-EDPS jistaqsu wkoll jekk il-kelma "raġonevoli" fil-paragrafu 1 ma tnaqqasx l-impatt tal-miżuri. L-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li titneħħa l-kelma "raġonevoli" sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza ta' tali miżuri jew tiġi sostitwita b'terminu aktar konvinċenti bħal "neċessarju".
96. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li skont l-Artikolu 27(3) tal-Proposta, il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-*data* li jirċievu deċiżjoni li jittrasferixxu jew jagħtu aċċess għal *data* mhux personali

miżmuma fl-Unjoni minn qorti jew awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti skont il-Proposta sabiex jiddeterminaw jekk il-kundizzjonijiet ta' aċċess applikabbli humiex issodisfati. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu din id-dispożizzjoni li tirrikjedi l-konsultazzjoni tal-awtorità kompetenti f'każijiet speċifiċi. Madankollu, il-konsegwenzi tal-opinjoni tal-awtorità kompetenti mhumiex speċifikati fid-dispożizzjoni. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li jiżdied li *"Jekk l-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti tikkonkludi li l-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, b'mod partikolari minħabba li d-deċizzjoni tikkonċerna data kummerċjalment sensittiva jew taffettwa l-interessi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha fi kwistjonijiet ta' sigurtà jew difiża nazzjonali, allura, ir-riċevitur ma għandux jipprovi aċċess għad-data"*.

3.9 Implimentazzjoni u Infurzar (Kapitolu IX tal-Proposta)

97. Bħala kumment ġenerali dwar id-dispożizzjonijiet dwar il-governanza ta' dan ir-Regolament, l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jissottolinjaw ir-riskji ppreżentati mill-Proposta li ma tarmonizzax is-superviżjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejn l-Istati Membri, ma tipprovdix għal mekkaniżmu Ewropew ta' konsistenza li jista' jiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament fis-suq intern, u lanqas ma tipprovi penali armonizzati, u b'hekk tirriskja għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni.
98. L-Artikolu 31 tal-Proposta jipprevedi li kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar minn awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar tal-Att dwar id-Data, u li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu awtorità ġdida waħda jew aktar minn awtorità ġdida jew għandhom jibbażaw fuq awtoritajiet eżistenti. L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw ir-riskju ta' diffikultajiet operazzjonali li jistgħu jirriżultaw mill-ħatra ta' aktar minn awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. L-EDPB u l-EDPS għandhom tħassib serju li dan l-abbozz ta' arkitettura ta' governanza se jwassal għal kumplessità u konfużjoni kemm għall-organizzazzjonijiet kif ukoll għas-suġġetti tad-data, diverġenza fl-approċċi regolatorji madwar l-Unjoni u b'hekk jaffettwa l-konsistenza f'termini ta' monitoraġġ u infurzar.
99. Fir-rigward tal-awtoritajiet settorjali, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 31(2)(b) hija pjuttost vaga u ma tagħtix biżżejjed gwida dwar l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u l-awtoritajiet settorjali relatati mal-implimentazzjoni tal-Proposta, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' koinċidenza u kunflitt ta' attribuzzjoni. Pereżempju, ir-rwol preċiż tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-protezzjoni tal-konsumatur (imsemmi fil-Premessa 82 u l-Artikoli 36 u 37 ta' dan ir-Regolament) mhuwiex definit fil-Kapitolu IX tal-Proposta. Is-setgħat u l-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti differenti għandhom jiġu definiti b'mod ċar, b'mod partikolari fir-rigward tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet differenti tal-Proposta. Bħala eżempju, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-koleġiżlaturi jiddeterminaw liema awtorità għandha tkun responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-Kapitolu IV tal-Proposta dwar termini inġusti relatati mal-aċċess u l-użu tad-data bejn l-intrapriżi. Barra minn hekk, l-interazzjoni bejn il-mudell ta' governanza tal-Proposta u dawk ipprovduti mil-leġiżlazzjonijiet settorjali (eż. mal-awtoritajiet kompetenti stabbiliti mir-Regolament dwar l-Ispazju tad-Data dwar is-Saħħa) għandha ssir aktar ċara u dettaljata sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u tiġi evitata l-konfużjoni.
100. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-ħatra ta' awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data bħala awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Proposta sa fejn hija kkonċernata l-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 31(2)(a)). Din l-ħatra hija importanti biex jiġi evitati l-inkonsistenza u l-kunflitt possibbli bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-GDPR, u biex jiġi

ppreservat id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali kif stabbilit skont l-Artikolu 16 tat-TFUE u l-Artikolu 8 tal-Karta. Madankollu, il-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji hija *“mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1”*. Mhuwiex ċar kif tali dispożizzjoni tista’ taffettwa l-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* u l-awtoritajiet settorjali. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS isejhju lill-koleġiżlatur biex jimmodifika din id-dispożizzjoni sabiex titneħħa kwalunkwe ambigwità.

101. Barra minn hekk, mhuwiex ċar kif l-Artikolu 31(1) jinteraġixxi mal-Artikolu 31(4) tal-Proposta. Il-Proposta tipprovdi bosta xenarji, li m’għandhomx ċarezza. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta kif abbozzata bħalissa tista’ twassal għal kunflitti ta’ attribuzzjoni, kumplessità għall-organizzazzjonijiet u s-suġġetti tad-*data*, kif ukoll superviżjoni frammentata bejn l-Istati Membri. Għalhekk, għal raġunijiet ta’ ċarezza, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw it-tħassir tar-referenza għal *“mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu”* (l-Artikolu 31(2)). L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw ukoll bil-qawwa lill-koleġiżlaturi biex jiċċaraw l-Artikolu 31(1) u 31(4) u jistabbilixxu dispożizzjonijiet ċari dwar il-ħatra ta’ awtoritajiet kompetenti, tal-protezzjoni tad-*data*, settorjali u ta’ koordinazzjoni, dwar l-attribuzzjoni tar-responsabbiltajiet bejn dawn l-awtoritajiet u l-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni. B’mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jindikaw in-nuqqas ta’ setgħat u kompiti definiti tal-awtorità kompetenti koordinatriċi fil-Proposta, u jirrakkomandaw li l-koleġiżlatur jirrettifikah.
102. L-Artikolu 31(3) tal-Proposta jistabbilixxi l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-kompiti u s-setgħat rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi jkunu definiti b’mod ċar. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li ħafna minn dawn is-setgħat u l-kompiti huma simili għal dawk attribwiti lill-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 58 tal-GDPR. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Artikolu 31(3) tal-Proposta ma jarmonizzax il-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti fost l-Istati Membri u l-interazzjoni bejn din id-dispożizzjoni u l-GDPR mhijiex ċara. Barra minn hekk, mhuwiex ċar kif dawn il-kompiti u s-setgħat elenkati fl-Artikolu 31(3) tal-Proposta se jaffettwaw il-kompiti u s-setgħat eżerċitati mill-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* meta jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament sa fejn hija kkonċernata l-protezzjoni tad-*data* personali. Mill-Artikolu 31(2)(a) jista’ jinftehem li l-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* għandhom ikunu dawk stabbiliti mill-Kapitolu VI u VII tal-GDPR. Madankollu, mhuwiex ċar jekk il-kompiti u s-setgħat il-ġodda għandhomx jiġu assenjati lil dawn l-awtoritajiet mill-Proposta, u jekk dan huwiex il-każ kif dawn tal-aħħar se jinteraġixxu mal-kompiti u s-setgħat assenjati lill-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* mill-GDPR. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-konsistenza tal-monitoraġġ, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi definit b’mod ċar ir-rwol previst tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest tal-Proposta.
103. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-Artikolu 31(6) tal-Proposta, li jistabbilixxi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibqgħu ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn xi entità oħra. Sabiex tiġi ċċarata u msaħħa d-dispożizzjoni, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tissemma b’mod espliċitu n-natura indipendenti tal-awtoritajiet kompetenti fil-Proposta.
104. Skont l-Artikolu 32(1) tal-Proposta, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jressqu lment, individwalment jew, fejn rilevanti, kollettivament, mal-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru tar-residenza abitwali, tal-post tax-xogħol jew tal-istabbiliment tagħhom jekk iqisu li d-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament ikunu nkisru.

105. Id-dritt li jitressaq ilment skont l-Artikolu 32 jista' jqajjem diffikultajiet operazzjonali peress li mhuwiex ċar kif il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi ser jiddeterminaw jekk id-*data* personali hijiex ikkonċernata u liema awtorità hija kompetenti biex tittratta l-ilment tagħhom. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw bil-qawwa li l-leġislator jipprovdi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ċar u preċiż għat-trattament tal-ilmenti bejn l-awtoritajiet kompetenti (jiġifieri l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data*, l-awtoritajiet settorjali u l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni), u jistabbilixxi port ta' dħul ċar għall-ilmentaturi. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Artikoli 32(2) u 32(3) mhuwiex biżżejjed, u ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni la għall-ilmentaturi u lanqas għall-awtoritajiet superviżorji. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-awtoritajiet koordinatriċi jinħatru bħala punt ta' dħul għall-ilmenti kollha relatati ma' dan ir-Regolament, bil-kompitu li jiddistribwixxuh lil awtoritajiet rilevanti oħra. L-EDPB u l-EDPS b'mod partikolari jirrakkomandaw li jissema b'mod espliċitu li l-Kapitolu VIII tal-GDPR mhuwiex affettwat minn dan l-Artikolu.
106. Mhuwiex ċar ukoll kif din id-dispożizzjoni se tinteraġixxi mal-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz previst mill-Artikolu 56 tal-GDPR għall-ipproċessar transfruntier sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali.
107. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika affettwata fir-rigward ta' nuqqas ta' azzjoni dwar ilment imressaq lill-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti skont din il-Proposta. Dan jista' jwassal għal reġimi paralleli u inkonsistenti bejn l-infurzar skont il-GDPR (li għalih huwa pprovdut dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv) u l-Proposta.
108. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Premessa 82, l-Artikoli 36 u 37 tal-Proposta jistabbilixxu l-possibbiltà li jsir użu mill-mekkaniżmu tan-network tal-UE ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur u li jiġu permessi azzjonijiet rappreżentattivi billi jiġu emendati l-Annessi tar-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828. Mhuwiex ċar kif u sa liema punt il-mekkaniżmu tan-network ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur se jinteraġixxi ma' dan id-dritt tal-Artikolu li jitressaq ilment.
109. Fir-rigward tal-Artikolu 33, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta ma tarmonizzax il-penali għall-ksur tal-Proposta (u lanqas ma tispeċifika l-ksur li għandu jiġi sanzjonat, il-multi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tagħha, u lanqas l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti biex japplikaw tali penali). Pereżempju, mhuwiex ċar kif u liema awtorità se tkun responsabbli għall-infurzar tal-Artikolu 5(2) li jipprojbixxi lill-gwardjani milli jaġixxu bħala parti terza li magħha utent jista' jikkondividi d-*data* tiegħu, u liema penali se jkunu applikabbli. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-koleġislator jiċċara l-interazzjoni bejn il-Proposta u d-DMA rigward l-infurzar ta' din id-dispożizzjoni u l-penali applikabbli.
110. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li din id-dispożizzjoni, li tillimita l-infurzabbiltà tal-Proposta (il-kapaċità li jiġu imposti sanzjonijiet armonizzati), u possibbilment li tqajjem ukoll għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni għall-Istat Membru l-aktar klementi, hija ta' preġudizzju għall-għan iddikjarat tal-Proposta li tiżgura l-ġustizzja fl-allokazzjoni tal-valur mid-*data* fost l-atturi fl-ekonomija tad-*data*.
111. Fir-rigward tal-Artikolu 34, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* meta tiżviluppa u tirrakkomanda termini kuntrattwali tal-mudell mhux vinkolanti dwar l-aċċess u l-użu tad-*data*, sa fejn tkun ikkonċernata d-*data* personali.

112. Fl-aħħar nett, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw in-nuqqas ta' qafas ta' kooperazzjoni Ewropew fil-Proposta. Meta wieħed iqis l-impatt tal-Proposta madwar l-Istati Membri, u l-kwantità għolja ta' pproċessar transfruntier li jista' jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa pjuttost sorprendenti li din il-Proposta ma tipprovdi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni Ewropew ċar sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħha fost l-Istati Membri (speċjalment fir-rigward tat-trattament tal-ilmenti u b'kont meħud tal-involvement possibbli ta' awtoritajiet kompetenti settorjali differenti). L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 31(3)(f) tal-Proposta mhuwiex biżżejjed f'dan is-sens u jirrakkomandaw lill-koleġiżlatur jistabbilixxi regoli ċari sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti involuti.
113. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-ħatra ta' awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data* bħala awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Proposta sa fejn hija kkonċernata l-protezzjoni tad-*data* personali, u jitolbu lill-koleġiżlaturi jaħtru wkoll awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data* bħala awtoritajiet kompetenti koordinatriċi skont din il-Proposta.
114. L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom għarfien espert uniku, kemm legali kif ukoll tekniku, fil-monitoraġġ tal-konformità tal-ipproċessar tad-*data*, fl-għoti ta' gwida lill-atturi diġitali u lis-suġġetti tad-*data*, u fl-użu ta' mekkaniżmu ta' interregolamentazzjoni, li jpoġġihom fil-qalba tax-xenarju tar-regolamentazzjoni diġitali.
115. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS huma tal-opinjoni li, meta jitqies li l-GDPR japplika meta *data* personali u mhux personali f'sett ta' *data* tkun marbuta b'mod inseparabbli, ir-rwol tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandu jipprevali fl-arkitettura ta' governanza ta' din il-Proposta. Il-koleġiżlaturi għandhom jiżguraw li din il-governanza tirrifletti l-prevalenza tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali stabbilit skont l-Artikolu 16 tat-TFUE u l-Artikolu 8 tal-Karta, u tippreserva l-indipendenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*.
116. Il-ħatra ta' awtoritajiet kompetenti ta' koordinazzjoni għajr l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* tista' taffettwa l-konsistenza f'termini ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR u twassal għal kumplessità reali għall-atturi diġitali u s-suġġetti tad-*data*.
117. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-EDPS huwa msemmi biss fl-Artikolu 33(4) tal-Proposta, li jirreferi għal penali (għall-ksur tad-dispożizzjoni dwar l-aċċess tal-korpi pubbliċi għad-*data*, il-Kapitolu V) u mhuwiex elenkat bħala "awtorità kompetenti" fl-Artikolu 31 tal-Proposta. Wara li kkunsidraw **ir-rwol ta' sorveljanza** tal-EDPS bħala l-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea u l-fatt li xi istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni Ewropea jistgħu jaġixxu wkoll bħala utent jew detentur tad-*data* fis-sens ta' din il-Proposta, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw l-inklużjoni ta' **referenza għall-EDPS bħala awtorità kompetenti fl-Artikolu 31(2)(a) għas-supervżjoni tal-Proposta kollha kemm hi sa fejn tikkonċerna l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni**. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat li, fejn rilevanti, l-Artikolu 62 tar-Regolament 2018/1725 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Brussell, l-4 ta' Mejju 2022

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

Għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

(Wojciech Wiewiorowski)